# 2021

## IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI
## RAPPORT ANNWALI

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

# 2021

## IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI
## RAPPORT ANNWALI

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

**RAPPORT MIĠBUR MINN**
Adrian Debattista,
Direttur tal-Istrateġija, Il-Kunsill Malti għall-Arti

Neville Borg,
Eżekuttiv tar-Riċerka, Il-Kunsill Malti għall-Arti

Eleonora Ruggieri,
Sensara tal-Komunikazzjonijiet tal-Kreattività, Il-Kunsill Malti għall-Arti

**DISINN**
Moose Design Studio | moose.com.mt

Ippublikat 2022.

# Kontenut

4 Kelmtejn Qabel

**7 Struttura Organizzattiva u Governanza**

10 Il-Kunsill Malti għall-Arti fl-2021
12 Allokazzjonijiet tal-Baġit mill-Gvern 2021

**15 Strateġija**

16 Il-viżjoni, il-missjoni u l-għanijiet tagħna
17 Fondi
23 Senserija
25 Edukazzjoni u Taħriġ
29 Skambju Kulturali Komunitarju
32 L-Iżvilupp tan-Negozju
34 Internazzjonalizzazzjoni
38 Riċerka
41 Komunikazzjoni
42 Strateġija 2025

**45 Il-Fondi u s-Senserija**

46 Figuri Ewlenin għall-Programmi tal-Finanzjament 2021
48 Ammonti mogħtija fl-2021
61 Programmi ta' Fondi – Evalwazzjonjiet
62 Skambju fl-2021
64 Preżenza Diġitali fl-2021

# Kelmtejn Qabel

## ALBERT MARSHALL KAP EŻEKUTTIV

L-2021 irrappreżentat is-sena li matulha s-setturi kulturali u kreattivi bdew jegħlbu l-isfidi li ġabet magħha l-pandemija, imxew bil-mod il-mod lejn dinja aktar familjari fejn ġew relegati għal memorja kerha li fiha l-lockdowns, ir-restrizzjonijiet tad-'distanza soċjali u l-limiti fuq l-udjenza li fis-sena preċedenti waqqfu lis-setturi għalkollox.

Ħafna mix-xogħol tal-Kunsill Malti għall-Arti kien immirat preċiżament lejn dan l-għan: li jappoġġa lill-artisti u l-prattikanti kreattivi biex jegħlbu d-diffikultajiet li ġabet magħha l-pandemija, waqt li għas-settur tinfetaħ mogħdija biex minnha jerġa' lura għal realtà aktar sostenibbli, mimlija attivitajiet u li tagħti sodisfazzjon.

L-iskemi RESTART – it-tnax-il skema ta' investiment u appoġġ għall-arti li ħarġu matul l-2021 – huma prova ta' dan. Permezz ta' dawn l-iskemi, il-Kunsill alloka aktar minn €3.6 miljun biex jappoġġa r-reżiljenza tas-settur, jassigura l-abbiltà tiegħu li jegħleb l-ostakli li kellu jiffaċċa, u jagħtih saħħa biżżejjed biex joħroġ minn dan kollu b'impetu imġedded biex jisfida l-limitazzjonijiet tal-prattika artistika f'Malta. Permezz tal-appoġġ mill-iskemi RESTART, ħafna artisti u prattikanti mifruxa mal-pajjiż setgħu jimmanuvraw kontra l-inċertezzi tal-pandemija u jippjanaw għal proġetti aktar fit-tul bis-serħan il-moħħ li l-finanzjament se jkun ipprovdut.

L-iskemi RESTART indirizzaw l-iżvilupp aktar fit-tul tas-settur billi qiesu mill-ġdid u rristrutturaw l-iskema eżistenti sabiex tiffoka fuq l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-prattikanti, u biex dawn jinvolvu ruħhom f'forom ġodda ta' skambju kulturali u jinvestu fi żvilupp ta' proġetti aktar sostenibbli. Sadanittant, introduċejna skemi ġodda fjamanti biex jintlaħqu l-bżonnijiet immedjati tas-settur, jappoġġaw lill-artisti jibdew mill-ġdid l-ipprogrammar kulturali tagħhom u jassiguraw sostenibbiltà finanzjarja għall-avvenimenti tagħhom.

L-2021 kienet ukoll is-sena li fiha ħadna passi deċiżivi fit-tfassil tad-direzzjoni futura tal-Kunsill permezz tal-iżvilupp tal-Istrateġija 2025 tal-KMA. Waqt li adotta approċċ parteċipatorju sħiħ, il-KMA involva ruħu f'konverżazzjoni, konsultazzjoni u djalogu estensivi mal-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali, u dan fi sforz biex jifhem il-kwistjonijiet li l-istrateġija għandha bżonn tindirizza, kif ukoll biex jidentifika l-aktar prijoritajiet urġenti li jrid jiffoka fuqhom fis-snin li ġejjin. L-istrateġija preċedenti tal-KMA, Strateġija 2020, stabilixxiet lilha nnifisha bħala art fertili għal riflessjoni u evalwazzjoni interni, u assigurat li Strateġija 2025 se tibni fuq il-ħafna għarfien li żviluppat matul l-aħħar snin.

Is-sena ġiet konkluża bil-pubblikazzjoni tal-abbozz tal-istrateġija għal konsultazzjoni pubblika, bil-prinċipji ta' Isma', Oħloq, Imraħ fuq quddiem tal-istrateġija. Nemmnu li dawn il-prinċipji jispjegaw il-viżjoni tal-KMA għal futur sostenibbli fis-settur tal-arti f'Malta, wieħed li fih il-membri kollha tas-soċjetà huma mogħnija bis-setgħa li jkunu kreattivi fl-isforzi tagħhom u li fih id-dritt għall-kultura huwa minsuġ fit-tessut tal-ħajja ta' kuljum.

Bla dubju, l-2022 se tippreżenta opportunitajiet u sfidi ġodda, kemm għas-settur kreattiv kollu hemm hu, kif ukoll partikolarment għall-KMA. Il-KMA ħerqan biex jaħkem dawn l-opportunitajiet u jibda l-kapitlu l-aktar ġdid ta' xogħlu, id f'id mal-artisti, il-partijiet ikkonċernati u l-imsieħba li f'dawn l-aħħar snin kienu strumentali fil-formazzjoni tal-ekoloġija kreattiva u kulturali.

**Albert Marshall**
Kap Eżekuttiv, il-Kunsill Malti għall-Arti

> *L-2021 kienet ukoll is-sena li fiha ħadna passi deċiżivi fit-tfassil tad-direzzjoni futura tal-Kunsill permezz tal-iżvilupp tal-Istrateġija 2025 tal-KMA*



# Struttura Organizzattiva u Governanza

Electronic Music Malta - Hero Image

# Bord ta' Diretturi

**Kap Eżekuttiv**
Albert Marshall

Silvana Civelli
Il-Markiż Nicholas De Piro
Amity Galea
Ivan Gatt

Jackie Mercieca
Joe Micallef
Dominic Spencer

# Direttorat tal-Fondi u l-Istrateġija

**Direttur tal-Fondi u l-Istrateġija**
Mary-Ann Cauchi

**Direttur tal-Istrateġija**
Adrian Debattista

**Kap tal-Fondi**
Rita Falzon

**Eżekuttiv tar-Riċerka**
Neville Borg

**Assistent Amministratur**
Claude Busuttil

**Eżekuttiv tal-Amministrazzjoni tal-Fondi**
Annalise Buttigieg

**Eżekuttiv tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp**
Christabel Catania

**Koordinatur 'tal-Outreach Internazzjonali**
Christine Darmanin

**Eżekuttiv tal-Internazzjonalizzazzjoni**
Romina Delia

**Assistent Amministratur**
Joelle Dimech

**Uffiċjal ta' Sostenn Amministrattiv**
Rityanne Gauci

**Eżekuttiv tad-Diversità u l-Komunitajiet**
Simone Inguanez

**Assistent Amministratur**
Odette Micallef

**Sensara tal-Komunikazzjonijiet tal-Kreattività**
Eleonora Ruggieri

**Eżekuttiv tal-Proġetti tal-UE**
Christopher Spiteri

**Eżekuttiv tal-Intraprenditorija Kreattiva**
Maria Angela Vassallo

**Sensar tal-Kreattività**
Glen Zammit

# Staff at Pjazza Teatru Rjal

**Direttur**
Christopher Muscat

**Eżekuttiv Tekniku**
Carmel Aquilina

**Eżekuttiv tal-Amministrazzjoni u l-Operat**
Dorothy Camilleri

**Assistent tal-Amministrazzjoni**
Mario Fardell

**Manutenzjoni**
Carmelo Vella

# Staff at ŻfinMalta

**Amministratur tal-Aġenzija**
Rachel Vella

**Eżekuttiv tal-Edukazzjoni u l-Amministrazzjoni**
Martina Zammit

# Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv u Direttorat tal-Affarijiet Korporattivi

**Direttur**
Eric Fenech Sevasta

**Xufier/Messaġġier**
Diandra Agius

**Uffiċjal ta' Sostenn**
Ritienne Borg

**Uffiċjal**
Oscar Briffa

**Maniġer Anzjan Finanzjarju**
Karen Buhagiar

**Xufier/Messaġġier**
Robert Camilleri

**Eżekuttiv tal-Informatika**
Sean Cockram

**Uffiċjal ta' Sostenn Amministrattiv**
Lorraine Cutajar

**Assistent Direttur**
Claudette Debono Farrugia

**Eżekuttiv tal-Amministrazzjoni u r-Riżorsi Umani**
Kathryn Demicoli

**Uffiċjal Anzjan Finanzjarju**
Karen Farrugia

**Uffiċjal Anzjan ta' Sostenn tal-Kontabilità**
Rossella Farrugia

**Uffiċjal Amministrattiv**
Angie Felice

**Eżekuttiv tal-Operat**
Martin Gauci

**Uffiċjal Anzjan tal-Finanzi**
Ritienne Grogen

**Xufier/Messaġġier**
Selina Mallia

**Kontrollur Finanzjarju**
Gilmore Mercieca

**Assistent tal-Amministrazzjoni tar-Reġistru**
Elizabeth Muscat

**Uffiċjal tar-Relazzjonijiet mal-Mistiedna**
Elaine Pickard

**Eżekuttiv tal-Proġetti**
Vincent Piscopo

**Ħassiela**
Laurene Portelli

**Uffiċjal Anzjan tal-Amministrazzjoni**
Leonard Sciberras

**Uffiċjal tal-Amministrazzjoni**
Martha Scicluna

**Eżekuttiv tal-Finanzi**
Eileen Spiteri

**Reception**
Tania Spiteri

**Assistent tal-Amministrazzjoni tal-e-Culture**
Jesmond Tedesco Triccas

**Maniġer Anzjan tal-Finanzi**
Josepha Zammit

**Uffiċjal Legali**
Luke Dalli

**Eżekuttiv tas-Sostenn tal-Maniġment**
Aida Daoud Bushra

# Il-Kunsill Malti għall-Arti fl-2021

## Jannar

Tnediet ir-RESTART, skema ta' appoġġ għall-programmi ta' €1.3 miljun immexxija mill-KMA għas-sena 2021, bil-għan li terġa' tqajjiem is-settur tal-arti lokali wara l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19. Dan il-programm inkluda diversi skemi ta' finanzjament ġodda li indirizzaw bżonnijiet ġodda li ħarġu matul il-pandemija, kif ukoll ġew riveduti skemi ta' finanzjament eżistenti biex jindirizzaw realtajiet ġodda.

## Frar

Tnieda l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika li jwassal għall-Istrateġija 2025 tal-KMA. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni fittex li fl-iżvilupp ta' din l-istrateġija, jikseb ir-rispons u l-parteċipazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati, kif ukoll tal-pubbliku ġenerali.

## Marzu

Tħabbru n-nominati tar-raba' edizzjoni tal-Premju għall-Arti. Dawn inkludew erba' unuri mhux kompetittivi: Il-Premju għall-Karriera, il-Premju għall-Promoturi Kulturali, l-Unur għal-Legat Artistiku, u l-Ambaxxatur għall-Arti, b'dan tal-aħħar iżomm it-titlu għal tliet snin.

## April

Ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil bejn il-KMA u l-Malta Enterprise, li jidentifika għanijiet strateġiċi konġunti intenzjonati biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-industriji kulturali u tal-kreattività u d-dinja tal-intrapriża permezz ta' taħriġ, żvilupp, qsim ta' għarfien u żvilupp ta' politika.

## Mejju

Ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Għaqda Każini tal-Banda, li jiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet u jaffirma mill-ġdid l-impenn tal-KMA biex jissalvagwardja l-prattiki kulturali tradizzjonali u artistiċi.

## Ġunju

Tnediet sejħa għal proposti mill-KMA u ċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi għal musicals oriġinali bil-Malti li se jiġu prodotti bejn l-2022 u l-2026.

## Lulju

Tnieda l-EUNIC Malta Cluster, tnedija li mmarkat pass importanti fl-istrateġija ta' internazzjonalizzazzjoni tal-KMA u l-faċilitar ta' skambji personali, il-kooperazzjoni Ewropea, u l-integrazzjoni bejn ir-Rappreżentanza tal-KE u l-imsieħba kulturali lokali.

## Awwissu

Tnediet l-inizjattiva Radio New Talent, imwielda frott il-kollaborazzjoni bejn il-KMA u l-PBS. Din l-inizjattiva tappoġġa lil żgħażagħ interessati fil-produzzjoni tar-radju u x-xandir biex jiżviluppaw il-ħiliet neċessarji biex jirnexxu f'dan is-settur.

## Settembru

Tħabbar li Diplomazija Astuta hu l-proġett magħżul għall-Padiljun ta' Malta fid-59 Biennale di Venezia. Il-padiljun se jartikula mill-ġdid l-ankona seminali Il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann il-Battista bħala installazzjoni immersiva, kinetika u skultorika.

## Ottubru

Tnieda *The European Film Festival*, l-ewwel avveniment tal-EUNIC Malta Cluster f'kollaborazzjoni ma' Spazju Kreattiv. Il-festival inkluda disa' films li jindirizzaw temi ta' sostenibbiltà, kif ukoll sessjoni Mistoqsijiet u Tweġibiet ma' Alex Camilleri, id-direttur tal-film Malti *Luzzu*.

## Novembru

Ġew ippubblikati r-riżultati mill-istudju ta' riċerka dwar l-udjenzi, studju kkummissjonat mill-KMA dwar l-attitudnijiet tal-pubbliku lejn parteċipazzjoni f'avvenimenti kulturali matul il-pandemija.

## Diċembru

Tnieda l-Abbozz tal-Istrateġija 2025 tal-KMA għal konsultazzjoni pubblika, abbozz li jistabbilixxi l-viżjoni u l-għanijiet strateġiċi tal-KMA għas-snin li ġejjin. Ir-rispons u l-kontribuzzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati u l-membri tal-pubbliku interessati fil-futur tal-ekoloġija kulturali u kreattiva ta' Malta se jkunu inkorporati fl-istrateġija finali, li għandha tiġi ppubblikata fl-2022.

# Allokazzjonijiet tal-Baġit mill-Gvern 2021

| In-Nefqa Rikorrenti u Kapitali tal-KMA tal-2021 | |
|---|---|
| Il-Kunsill Malti għall-Arti | €3,700,000 |

| Programmi u Inizjattivi ta' Finanzjament tal-KMA | |
|---|---|
| Malta Arts Fund | €400,000 |
| Cultural Export Fund | €180,000 |
| Cultural Partnership Agreement | €680,000 |
| Kreattiv | €120,000 |
| Komunitajiet Kreattivi | €200,000 |
| Il-Premju tal-President għall-Kreattività | €120,000 |
| KulturaTV | €300,000 |
| Malta Digital Games Fund | €100,000 |
| Il-Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza Artistika (li jinkludi Artivisti, il-Programm għall-Iżvilupp ta' Artisti Żgħażagħ, il-Fond għat-Talent Żagħżugħ, il-Premju għall-Arti, u l-Għotja għall-Iżvilupp Professjonali) | €150,000 |
| Teatru Malta | €450,000 |
| Malta International Contemporary Art Space (MICAS) | €1,800,000 |
| KorMalta | €110,000 |
| Appoġġ lil NGOs/Intrapriżi Kulturali | €200,000 |
| Appoġġ lil Spazji Teatrali Lokali | €400,000 |
| **Total** | **€5,210,000** |

| In-Nefqa Rikorrenti u Kapitali tal-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi (PCOs) tal-2021 | |
|---|---|
| Festivals Malta | €4,130,000 |
| Teatru Manoel | €4,790,000 |
| Pjazza Teatru Rjal | €2,740,000 |
| ŻfinMalta | €670,000 |
| Fondazzjoni Kreattività | €2,015,000 |
| Orkestra Filarmonika ta' Malta | €3,100,000 |
| Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi | €980,000 |
| Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta | €3,500,000 |
| **Total** | **€21,925,000** |



Aaron Bezzina - Double Catapult, UN/MUTE New York, 2021

# Strateġija

# Il-viżjoni, il-missjoni u l-għanijiet tagħna

## Il-viżjoni tagħna

Li nqiegħdu l-arti u l-kreattività fil-qalba tal-futur ta' Malta.

## Il-missjoni tagħna

Ninvestu fis-setturi kulturali u kreattivi biex niksbu livelli ogħla ta' eċċellenza u niżviluppaw l-ekoloġija kreattiva ta' Malta.

## L-għanijiet tagħna

1. Inrawmu l-potenzjal kreattiv u nappoġġaw l-iżvilupp tiegħu f'attività professjonali.
2. Ninvestu fl-eċċellenza artistika.
3. Inressqu lil Malta fil-komunità artistika internazzjonali.
4. Nipprovdu aktar opportunitajiet lill-pubbliku biex jinvolvi ruħu fil-ħajja kreattiva.
5. Insaħħu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi.



# Fondi

Matul l-2021, il-Kunsill Malti għall-Arti amministra total ta' tnejn u għoxrin sejħa mifruxa fuq ħmistax-il skema ta' finanzjament. B'kollox ġew sottomessi 515-il applikazzjoni eliġibbli li talbu għal appoġġ finanzjarju permezz ta' skemi varji. 312-il proposta rnexxew u rċivew il-fondi, li b'kollox ammontaw għal ħlas totali ta' €4,910,733.

Il-preparazzjoni tal-Kunsill għall-amministrazzjoni tal-iskemi RESTART bdiet immedjatament wara li l-gvern ħabbar l-allokazzjoni ta' fondi fil-baġit annwali. L-iskemi RESTART kienu kruċjali biex is-settur iqum fuq saqajh u bejniethom kollha pprovdew stimulu biex fl-2021 is-setturi kreattivi u kulturali jerġgħu jibdew mill-ġdid. L-iskemi RESTART kienu adattati biex jgħinu lis-setturi jiffaċċaw l-isfidi li telgħu fil-wiċċ sforz il-pandemija COVID-19. Dawn ipprovdew appoġġ biex jiġu implimentati l-miżuri ta' mitigazzjoni mħabbra mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika. Il-proċess tal-applikazzjoni kien simplifikat sabiex ikun aktar inklussiv u jilħaq firxa usa' ta' applikanti.

Il-proċess ta' fondi beda mat-tfassil tal-pjan annwali tal-iskemi RESTART u l-iskadenzi varji tagħhom.

Inħarġu sett ta' linji gwida u regolamenti għal kull skema, flimkien ma' mudell komuni ta' applikazzjoni li jikkorrispondi mal-iskema partikolari. L-applikazzjonijiet għal kull skema ġew sottomessi online permezz tas-sit web tal-Kunsill Malti għall-Arti u kienu miftuħa għal perjodu ta' sitt ġimgħat. Il-KMA qed iwettaq titjib kontinwu fis-sistema online użata biex tirċievi u tevalwa l-applikazzjonijiet. Is-sistema mtejba hija aktar faċli għall-utent u tgħin lill-Kunsill inaqqas drastikament l-istampar tal-applikazzjonijiet.

L-applikazzjonijiet ġew sottomessi minn persuni professjonali kreattivi, artisti individwali, entitajiet irreġistrati mal-Malta Business Registry, gruppi, konsorzji, kollettivi, u u organizzazzjonijiet volontarji reġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

L-applikazzjonijiet sottomessi permezz tal-iskemi varji għaddew minn diversi stadji ta' evalwazzjoni. L-ewwel wieħed kien dak ta' eliġibbiltà, u fih it-tim tal-finanzjament iddetermina jekk l-applikazzjoni jew l-applikant kinux eliġibbli biex japplikaw f'dik l-iskema speċifika, skont il-kriterja tal-eliġibbiltà mniżżla fil-linji gwida u r-regolamenti. L-applikazzjonijiet eliġibbli ġew mgħoddija lill-maniġer tal-fond rispettiv, li ddetermina jekk il-proposta laħqitx il-miri u l-għanijiet tal-iskema speċifika. Fl-2021, kien hemm sitta u tletin applikazzjoni ineliġibbi sottomessa lill-Kunsill; dawn l-applikazzjonijiet ma għaddewx mill-evalwazzjoni skont il-klawsoli stabbiliti fil-linji gwida u r-regolamenti.

L-evalwaturi huma partijiet ikkonċernati importanti fil-proċess tal-fondi.

Il-Kunsill joħroġ regolarment sejħiet għal evalwaturi lil individwi li huma kompetenti u jipposjedu l-għarfien espert f'oqsma strateġiċi fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi, kif ukoll għandhom interess li jiffurmaw parti mill-bordijiet ta' evalwazzjoni. Bord ta' evalwazzjoni huwa magħmul minn tliet evalwaturi esterni u maniġer ta' fond li huwa impjegat tal-Kunsill Malti għall-Arti. Il-maġġoranza tas-sejħiet tal-iskemi RESTART ħatru evalwaturi esterni li mhumiex impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti, u li l-kwalifikiu l-għarfien espert tagħhom ippermettewlhom jevalwaw l-applikazzjonijiet skont il-kriterji stabbilita fil-linji gwida u r-regolamenti. Fl-2021, il-Kunsill ħatar total ta' sitta u sebgħin evalwatur li kkontribwixxew għall-allokazzjoni ta' fondi lill-benefiċjarji.

L-evalwaturi ngħataw aċċess online sabiex jevalwaw l-applikazzjonijiet eliġibbli individwalment. L-evalwaturi ssottomettew il-marki u l-kummenti tagħhom għal kull kriterju skont kif stabbilit fil-linji gwida u r-regolamenti. Il-bord ta' evalwazzjoni ltaqa' biex jiddiskuti l-applikazzjonijiet eliġibbli matul minimu ta' sessjoni finali waħda ta' evalwazzjoni u massimu ta' erba' sessjonijiet li inkludew sessjoni li fiha nħarġet il-lista finali, u sessjonijiet ta' pitching mifruxa fuq jumejn. Matul is-sessjonijiet finali ta' evalwazzjoni, il-bordijiet stabbilixxew ordni ta' prijorità bbażata fuq il-medja tal-marki sottomessa mill-bord ta' evalwazzjoni. Fl-2021 il-Kunsill Malti għall-Arti kellu total ta' ħamsa u tletin sessjoni ta' evalwar u ħruġ ta' listi finali, u total ta' 270 sessjoni ta' pitching.



Teatru Salesjan - Empty Floor 2022 - Daniel Bonello and Yasmin Dingli

SKEMA TA' APPOĠĠ GĦALL-PROĠRAMMI

# Recovery and Resurgence from Covid-19 at Teatru Salesjan

TEATRU SALESJAN

L-istaġun 2021/2022 kien wieħed li fih sar kull sforz biex ikun hemm irkupru u ħruġ mill-intoppi li wieħed kellu jħabbat wiċċu magħhom affaċċata. Permezz ta' programm ta' avvenimenti varjat immirat kemm għat-tfal u kemm għall-anzjani, kif ukoll esternalizzazzjoni tal-postijiet biex tintlaħaq il-komunità, Teatru Salesjan stinka biex jiġġenera kontenut artistiku stimulanti li jinvolvi artisti internazzjonali u lokali, fi programm li integra t-teatru, iż-żfin u l-mużika.

*Dan il-programm ta' avvenimenti kien imprezzabbli, kemm għat-teatru u t-tim tiegħu, kif ukoll għall-udjenzi li involva. Kull proġett li fforma parti mill-programm ta' avvenimenti ppreżenta l-isfidi tiegħu, minħabba li kull avveniment kellu bżonn attenzjoni partikolari rigward kif jiġi ssettjat u kif jitwassal, speċjalment minħabba d-dewmien fil-ftuħ tat-teatru. Għalhekk it-tim kellu jirrispondi, isib soluzzjonijet kreattivi li jikkumplimentaw u jtejbu l-kontenut artistiku, waqt li jikkollabora ma' entitajiet ġodda. Dan il-proċess verament arrikkixxa kemm lilna, kif ukoll lill-udjenzi tagħna, li esperjenzaw ambjentazzjonijiet alternattivi għall-produzzjonijiet tagħna. Dan kien possibbli bl-appoġġ tal-Kunsill Malti għall-Arti.*

Fl-2021, il-Kunsill Malti għall-Arti kkollabora ma' entitajiet varji biex jimplimenta u jmexxi numru ta' programmi u inizjattivi.

> *Fl-2021, il-Kunsill Malti għall-Arti żviluppa diversi skemi ta' fondi ġodda sabiex jindirizza u jtaffi l-effetti li ġabet magħha l-pandemija*

Ħames artisti żgħażagħ intgħażlu għall-programm Artivisti, inizjattiva amministrata f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Żgħażagħ li għandha l-għan tinvesti fit-taħriġ u l-iżvilupp ta' artisti emerġenti biex ikomplu jsaħħu l-ħiliet tagħhom bħala kreattivi żgħażagħ.

Sittax-il organizzazzjoni kulturali komplew bil-programmi ta' attivitajiet tagħhom ta' tliet snin li bdew fl-2020 u li huma appoġġati permezz tal-programm Investiment fl-Organizzazzjonijiet Kulturali (ICO). Il-ftehim ta' kollaborazzjoni mal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta jappoġġa tliet organizzazzjonijiet oħra. Dawn l-organizzazzjonijiet huma appoġġati biex jinvestu fit-tisħiħ 'tal-kapaċità permezz ta' aktar żvilupp fil-ħiliet tagħhom biex jorganizzaw festivals, programmi u avvenimenti li jindirizzaw l-iżvilupp u l-kwalità tax-xogħol artistiku. Il-Programm ta' Għajnuna Kulturali għal Għawdex huwa programm ta' tliet snin li beda fl-2019 u jappoġġa seba' organizzazzjonijiet f'Għawdex li jiffokaw u li huma attivi fis-setturi kulturali u kreattivi.

Sitta u tletin każin tal-banda ġew ippremjati b'fondi biex jippreservaw, jirrestawraw, jirrijabilitaw u jirrinovaw oġġetti u strutturi mobbli li huma proprjetà tal-każini tal-banda f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill Malti għall-Arti qed jikkollabora mal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda biex jimplimenta l-fond biex jissaħħaħ ix-xogħol kulturali mwettaq mill-każini tal-banda.

Ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u d-Direttorat tar-Restawr jipprovdi appoġġ finanzjarju għar-restawr, u l-konservazzjoni tal-proprjetà immobbli interna u esterna tal-knejjes. Seba' organizzazzjonijiet ġew ippremjati l-fondi biex jinvestu f'proprjetà kulturali immobbli.

Il-Kunsill Malti għall-Arti appoġġa proġetti ffokati fuq żvilupp professjonali, żvilupp ta' proġetti artistiċi, proġetti ta' riċerka u żvilupp diġitali, u proġetti komunitarji.

Investiment ta' €1.2 miljun ġie ddedikat lejn l-Għotja għall-Iżvilupp Personali, il-Fond għat-Talent Żagħżugħ, il-KulturaTV, l-Iskema ta' Riċerka u Żvilupp Diġitali, l-Iskema ta' Appoġġ għall-Proġetti, il-Komunitajiet Kreattivi, Il-Premju tal-President għall-Kreattività, l-Iskema ta' Finanzjament Artistiku għall-Għaqdiet tal-Armar tal-Festa, Għaqdiet Kulturali u Għaqdiet Soċjali, u l-Fond għal Aktar Saħħa u Sikurezza fil-Kmamar tan-Nar. Fl-2021, total ta' 141 benefiċjarju rċivew fondi permezz ta' dawn l-iskemi.

Fl-2021, il-Kunsill Malti għall-Arti żviluppa diversi skemi ta' fondi ġodda sabiex jindirizza u jtaffi l-effetti li ġabet magħha l-pandemija.

L-Iskema tal-Appoġġ għall-Programmi pprovdiet appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' sebgħa u erbgħin programm ta' attivitajiet b'investiment totali ta' €1.3 miljun. L-iskema appoġġat kollaborazzjonijiet ġodda kif ukoll attivitajiet regolari u ppermettiet lill-benefiċjarji jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jesploraw modi ġodda kif jinvolvu lill-udjenza tagħhom waqt li jimminimizzaw ir-riskju ta' telf mhux mistenni. L-Iskema għall-Edukazzjoni tal-Arti ffinanzjat erbatax-il proġett li jappoġġaw skejjel tal-arti individwali u indipendenti biex jinvestu f'riċerka, riżorsi u kondiviżjoni tal-għarfien fost tipi oħra ta' proġetti.




Il-Familja Katastrofija – Operazzjoni Herkules

KULTURATV

# Il-Familja Katastrofija

**NRGY CONCEPTS LTD.**

Il-Familja Katastrofija hija miniserje li ssegwi l-ġrajjiet storiċi komiċi ta' ħamest iqraba Maltin. Hija bbażata fuq avvenimenti storiċi reali, u l-episodji joffru lit-telespettaturi ħames xenarji differenti; is-sett, il-kostumi u l-katastrofi tal-karattri jittrasformaw skont kapitlu partikolari tal-istorja ta' Malta (eż 1565, 1942 u 5000 QK). Il-Familja Katastrofija għandha l-għan li tagħti lill-udjenza lokali esperjenza oriġinali li tinbidel ma' kull episodju. Permezz ta' ġeneru traġikomiku, dan il-programm televiżiv jittama li jkun il-bidu għal staġuni oħra fil-futur, kemm lokalment u kemm internazzjonalment.

*Dan il-proġett kien siewi għax ipprovda opportunità lill-artisti biex jesperimentaw bil-ġeneri u jmexxu 'l quddiem kunċett oriġinali lill-udjenza Maltija. Il-proġett laqqa' flimkien grupp ta' artisti b'talent, li kull wieħed u waħda minnhom ikkontribwixxa biex jinħoloq univers koesiv li jinbidel kontinwament. Il-fondi tawna opportunità biex nesebixxu l-punti b'saħħithom tagħna fl-oqsma rispettivi tagħna.*

L-Iskema ta' Appoġġ għall-Avvenimenti żiedet il-vijabbiltà ekonomika ta' avvenimenti kulturali u artistiċi li ttellgħu bejn Lulju u Diċembru tal-2021 permezz ta' appoġġ fl-ispejjeż 'tal-loġistika u l-finanzjament simetriku tal-biljetti. Investiment totali ta' €1.275 miljun appoġġa disgħa u erbgħin applikazzjoni li ġew iffinanzjati permezz ta' din l-iskema. L-Iskema ta' Skambji Kulturali Internazzjonali hija ffokata fuq il-mobbiltà kontinwa ta' artisti Maltin u dawk ibbażati f'Malta ta' aktar minn tmintax-il sena, kif ukoll fuq ix-xogħlijiet artistiċi u l-produzzjonijiet kulturali tagħhom. L-iskema tappoġġa skambji kulturali, parteċipazzjoni f'festivals u avvenimenti barra minn Malta, u l-produzzjoni ta' awdjoviżivi għal pjattaformi internazzjonali. Fl-2021, l-iskema appoġġat erbatax-il proġett b'investiment totali ta' €100,000.

# Skemi RESTART

Fl-2021, il-Kunsill Malti għall-Arti stabbilixxa l-iskemi ta' finanzjament RESTART, programm li jappoġġa u jippermetti lill-benefiċjari jerġgħu jibdew mill-ġdid l-attivitajiet ipprogrammati u ta' produzzjoni tagħhom, u joperaw b'mod xieraq. Dan il-programm jinkludi diversi skemi ta' finanzjament ġodda, kif ukoll skemi ta' finanzjament eżistenti li ġew riveduti u adattati biex jagħmlu tajjeb għall-bżonnijiet kurrenti.

Il-pandemija affettwat numru kbir ta' proġetti li kienu ppremjati l-fondi fl-2020. Riżultat ta' dan, il-KMA organizza Task Force ta' Tranżizzjoni tal-Arti tal-COVID-19 li ltaqgħet b'mod diġitali, biex tiddiskuti l-impatt tal-pandemija fuq is-setturi kulturali u kreattivi. Esperti settorjali ewlenin u l-partijiet ikkonċernati ddiskutew temi u pprovdew suġġerimenti sabiex tittaffa s-sitwazzjoni kurrenti. L-Iskemi RESTART 2021 kienu żviluppati abbażi ta' tliet azzjonijiet fundamentali li jindirizzaw l-irkupru u r-reżiljenza tas-setturi kreattivi: Aħseb mill-ġdid, Irkupra, Ivvinta mill-ġdid.

L-iskemi kkonsistew fi tliet prinċipji dominanti. L-ewwel prinċipju kien dak tal-adattabbiltà, jiġifieri l-bżonn li tadatta għall-prattiki rrakkomandati mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika biex jittaffu l-effetti tal-pandemija. Dan inkluda li jiġu inkorporati miżuri bħal dawk 'tad-distanza soċjali, l-iġjene u s-sanitizzazzjoni, it-tqassim tal-udjenza fi bżieżaq u fejn hemm bżonn iż-żamma ta' rekords għall- għanijiet 'tat-traċċar tal-kuntatti. It-tieni prinċipju kien 'tas-sopravivenza u r-reżiljenza, fejn firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati kienet eliġibbli biex tapplika għall-fondi. Dan l-approċċ aktar inklussiv ippermetta lill-partijiet ikkonċernati bħal kumpaniji reġistrati biex jaċċessaw l-iskemi. Il-prinċipju finali kien is-sostenibbiltà, li għalih il-KMA investa fl-iżvilupp tas-settur u offra opportunitajiet għall-ħolqien ta' xogħol ġdid u inċentivizza teħid ta' riskju kreattiv u approċċi innovatti biex jinħoloq ix-xogħol.




Ħassartek - Credit Giola Cassar

SKEMA TA' APPOĠĠ GĦALL-PROĠETTI

## Ħassartek

MATTHEW SCHEMBRI

Ħassartek huwa l-isem tat-tieni wirja artistika u pubblikazzjoni ta' Matthew Schembri. Il-pubblikazzjoni, tħassira parzjali mill-kittieb innifsu tal-ewwel rumanz tiegħu, Stessi (Merlin Publishers, 2018; rebbieħ tal-Konkors Letterarju tar-Rumanzi għaż-Żgħażagħ 2016) tinkludi 231 poeżija mħassra. L-esebizzjoni artistika individwali li ġġib l-istess isem, kienet ikkurata mill-Profs Raphael Vella u serviet bħala estensjoni tal-pubblikazzjoni.

*Il-Kunsill Malti għall-Arti kien vitali għall-proġett Ħassartek. Il-fondi tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Proġetti pprovda lili u lit-tim tiegħi b'appoġġ finanzjarju bżżejjed biex inkun nista' nimmira għall-eċċellenza letterarja u artistika. Barra minn hekk, b'dan l-appoġġ, il-karriera duwali tiegħi – bħala artist viżiv u kittieb – żviluppat aktar, waqt li nista' nħares 'il quddiem għal opportunitajiet fil-futur b'aktar konvinzjoni għax il-Kunsill Malti għall-Arti emmen fil-proġett tiegħi, u għal darba oħra fija nnifsi.*

# Senserija

Is-servizz ta' senserija tal-Kunsill Malti għall-Arti jappoġġa lill-artisti, il-kreattivi, u l-organizzazzjonijiet biex jitgħallmu aktar fuq is-settur kreattiv u b'hekk jiżviluppaw ideat u jistabbilixxu kuntatti ma' entitajiet u partijiet ikkonċernati fi ħdan is-settur kulturali. Barra minn hekk, permezz tas-servizz tiegħu ta' senserija, il-KMA fittex li jaqsam l-għarfien u l-aħbarijiet fuq is-settur permezz ta' workshops u servizzi oħra ta' informazzjoni.

Dawn l-azzjonijiet kienu kontinwi matul l-2021, fejn wara diskussjonijiet interni u laqgħat esterni ma' prattikanti kulturali, inħass il-bżonn li l-Kunsill Malti għall-Arti jipparteċipa b'mod aktar attiv f'dibattiti pertinenti internazzjonali fuq temi ta' interess. Dan wassal għat-tnedija tal-konverżazzjoni online "A Global Exchange for Local Action", li laqqgħet prattiki lokali ma' perspettivi globali. Dawn il-konverżazzjonijiet online ħadu l-forma ta' webinars kull tliet xhur strimjati live permezz tal-kanali tal-midja soċjali tal-KMA. Il-webinars fittxew li jinkoraġġixxu lil artisti, riċerkaturi, studenti, u operaturi kulturali jinteraġixxu ma' diversi kelliema internazzjonali fi skambju ta' veduti fuq realtajiet lokali u kuntesti globali. Il-ħsibijiet u l-esperjenzi ppreżentati mill-kelliema u l-parteċipanti permezz ta' dawn il-webinars ipprovdew għarfien siewi fuq ħafna temi li kienu relevanti matul is-sena.

Matul l-2021, il-Kunsill Malti għall-Arti ospita erba' sessjonijiet (fi Frar, Mejju, Settembru, u Novembru). It-titli tas-sessjonijiet u t-temi diskussi kienu: (1) Joint Up Thinking: Collective Learning through the Arts, (2) Squaring the Circle: Social Solidarity and the Circular Economy, (3) Last orders, lost orders? Engaging with identity politics and cultural policy, and (4) Building bridges towards creative care and wellbeing.

Dawn il-webinars kienu indirizzati minn firxa wiesgħa ta' kelliema lokali u internazzjonali ġejjin minn oqsma differenti, li inkludew il-politika kulturali, l-akkademja, is-soċjetà ċivili, u l-letteratura.

Fl-2021, ittellgħu seba' sessjonijiet ta' ACMHangouts, li inidirizzaw firxa wiesgħa ta' temi, fosthom:

L-Intelliġenza artifiċjali u l-Arti: Kif, għaliex?; Prattiki sostenibbli fl-industriji tal-kreattività; Nifhmu l-Proprjetà Intellettwali; Nesploraw l-Arti u l-Edukazzjoni; Is-Sigurtà fl-Industriji tal-Kreattività; u Id-Diżabbiltà u l-Arti. Dawn is-sessjonijiet ġew irrekordjati fl-Università ta' Malta, fil-Valletta Campus Theatre u nxterdu fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tagħna, is-sit web, kif ukoll il-kanal YouTube tal-KMA.

Bl-istess mod, fl-2021 kien hemm seba' ACMChats mifruxa matul is-sena sħiħa, li indirizzaw dawn it-temi: L-Arti u d-Demokrazija; It-Teatru Malti; L-Arti u l-Management; L-Arti u l-Intelliġenza Artifiċjali; It-Tradizzjonijiet u l-Arti; L-Arti bħala Forma ta' Terapija; u Riċerka fuq l-Arti u l-Kultura. Dawn ġew irrekordjati fuq SoundCloud f'kollaborazzjoni ma' Campus FM.

Għal kull sessjoni, ġew mistiedna esperti fil-qasam tagħhom biex jiddiskutu u jsibu soluzzjonijiet fuq kif l-artisti u l-istituzzjonijiet kulturali jistgħu jaħdmu id f'id u jgħinu lil xulxin.

Ġew organizzati żewġ sessjonijiet ta' informazzjoni mmirati matul is-sena. L-għan ta' dawn il-laqgħat kien li tinxtered informazzjoni fuq il-programmi varji ta' fondi. Dawn ittellgħu mal-mużiċisti tal-Malta Youth Orchestra kif ukoll ma' studenti tal-MCAST. L-aħħar sessjoni ħadet il-forma ta' applikazzjoni finta li fiha l-istudenti ppreżentaw il-proġetti artistiċi tagħhom daqslikieku kienu f'sessjoni ta' pitching. Kull applikant ingħata gwida u pariri.

Fl-2021 ġew organizzati tlettax-il sessjoni ta' ACMLab. Dawn is-sessjonijiet kienu jvarjaw fir-rigward tal-format tagħhom, minn taħdidiet u preżentazzjonijiet sa workshops prattiki mmexxija minn kelliema bbażati f'Malta u internazzjonali b'għarfien speċjalizzat. Dawn iffokaw fuq varjetà ta' suġġetti u inkludew il-Pitching Smart, l-Attiviżmu, il-Konnessjonijiet Afrikani, iċ-Ċibersigurtà, il-Ħolqien ta' Ideat ta' Negozju, Il-Postijiet tal-Ispettaklu ta' Għada, L-Internazzjonalizzazzjoni, Inġibu 'l-Prattikanti Flimkien, Trajettorji Artistiċi fi Stat Żgħir, Edukazzjoni, L-Awtokura u, Il-Lingwa tal-Arti. Minħabba l-pandemija u l-bidliet konsegwenti fil-bżonnijiet tal-artisti,

nhar il-Ħamis, 15 ta' April, organizzajna ACMLab fuq iċ-ċibersigurtà. Diversi kwistjonijiet ġew diskussi, mill-fatt li jkollok laqgħat online għal li taħdem fuq proġetti online. Għal din is-sessjoni stedinna lis-Sur Norbert Camilleri, Kap tat-Tim tal-Intelligence għat-Theddid Ċibernetiku tall-MITA.

Is-servizz ta' senserija individwali kien issostanzjat mit-Tim tal-Finanzjament u s-Senserija permezz ta' pjattaformi multipli ta' komunikazzjoni. Is-sensar tal-kreattività tal-KMA ħadem bejn il-Kunsill u l-prattikanti kreattivi u offra servizz ta' senserija permezz ta' telefonati, emails, u laqgħat diretti kemm f'Malta u kemm f'Għawdex. Dan is-servizz kien disponibbli wkoll f'sessjonijiet ta' informazzjoni u waqt l-ACMlab, kemm fil-ħinijiet tal-uffiċċju u kemm barra minn dawn il-ħinijiet.

Matul l-2021, it-tim tas-senserija ħadem id f'id mal-kap tal-istrateġija tal-KMA biex jinkiteb l-abbozz tal-Istrateġija 2025. Ġew organizzati laqgħat bejn it-tnejn sabiex jiġi diskuss x'qed jaffaċċaw l-artisti u jinstabu rimedji biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet. Diversi sessjonijiet ta' konsultazzjoni pubblika ttellgħu biex jinfurmaw it-triq 'il quddiem għall-gvern biex jappoġġa lis-settur tal-arti f'Malta.

## Laqgħat ta' senserija

Il-laqgħat ta' senserija huma funzjoni ċentrali fis-servizzi ta' senserija tal-KMA minħabba li jistabbilixxu kanal ta' kuntatt dirett u kontinwu bejnu u l-prattikanti kreattivi varji u l-organizzazzjonijiet li joperaw b'mod indipendenti. Dawn il-laqgħat ta' senserija huma organizzati u mmexxija mis-sensar tal-kreattività tal-KMA, li ta' sikwit ifittex l-appoġġ tal-manigers tal-fondi jew rappreżentanti oħra tal-KMA, skont il-bżonnijiet partikolari tal-prattikant li talab għal-laqgħa.

L-iskop tal-laqgħat ta' senserija jista' jvarja minn tweġibiet 'għal mistoqsijiet ġenerali relatati mal-attivitajiet tal-KMA, għal diskussjonijiet dettaljati fuq opportunitajiet ta' fondi eżistenti. F'ħafna każi, l-applikanti prospettivi jiltaqgħu mas-sensar tal-kreattività biex jiddiskutu jekk l-idea tal-proġett tagħhom tkunx eliġibbli għal skema ta' finanzjament eżistenti. F'każijiet bħal dawn, is-sensar tal-kreattività (flimkien mal-maniġer tal-fond rispettiv), jassisti lill-applikant billi jispjega l-objettivi u l-kriterja ta' eliġibbiltà tal-iskema ta' finanzjament u jinkoraġġixxi lill-applikant jikkunsidra jekk l-idea tal-proġett tindirizzax dawn l-għanijiet u kriterja.

Is-sensar tal-kreattività jappoġġa wkoll lill-applikanti potenzjali billi jassigura li huma eliġibbli min-naħa amministrattiva u li l-applikazzjoni tagħhom qed timtela b'mod tajjeb. Kwistjonijiet oħra, bħal pereżempju liema spejjeż huma eliġibbli għall-finanzjament, kif it-tbassir tal-budget tal-proġett se jiġi ppreżentat, u l-passi varji fil-proċess ta' evalwazzjoni, huma wkoll diskussi ta' sikwit fid-dettall.

Permezz ta' dawn il-laqgħat ta' senserija, il-prattikanti kreattivi jkollhom l-opportunità li jiddiskutu l-ideat tagħhom direttament ma' rappreżentanti tal-KMA, kif ukoll jipprovdu lill-KMA b'għarfien ta' valur fuq it-tħassib, diffikultajiet u rispons tagħhom.

# Edukazzjoni u Taħriġ

F'rispons għall-pandemija COVID-19 u l-isfidi li din ġabet magħha lis-settur, tnediet skema ġdida, l-Iskema għall-Edukazzjoni tal-Arti, bħala parti mill-programm RESTART, bil-għan li tappoġġa l-edukazzjoni tal-arti fl-edukazzjoni formali u informali minħabba li fl-2021 Kreattiv ġie sospiż. Madankollu, matul is-sena, xi proġetti mis-sejħa Kreattiv 2020 komplew xorta waħda. Żewġ sejħiet mill-Iskema għall-Edukazzjoni tal-Arti ġew ippubblikati, waħda f'April – li ffokat fuq it-tisħiħ ta' kapaċità – u oħra f'Settembru – li ffokat fuq kollaborazzjonijiet bejn is-setturi. Erbatax-il proġett ġew iffinanzjati, li ħarsu lejn aspetti varji tal-edukazzjoni tal-arti minn riċerka fuq il-metodu Montessori, għal workshops ta' mużika elettronika, għal taħriġ lil edukaturi u studenti tal-arti.

Sadanittant is-sitt sejħa għall-applikazzjonijiet taħt il-programm Culture Pass inħarġet fl-2021. Din id-darba Culture Pass ħaseb għal-livelli kollha tal-edukazzjoni, minn edukazzjoni bikrija sa Livell 4 tal-MQF. Meta tqiesu ċ-ċirkustanzi diffiċli li s-settur kellu jiffaċċa, il-produzzjonijiet kollha tal-programm tal-2020 inżammu awtomatikament u ġew offruti fl-2021. Is-sejħa għall-programm tal-2021 tnediet f'Awwissu tal-istess sena u flimkien mat-tletin produzzjoni li kienu offruti fis-sena skolastika preċidenti, għaxar produzzjonijiet ġodda addizzjonali ġew evalwati u approvati. Culture Pass huwa inizjattiva konġunta bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u d-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

Minbarra l-kollaborazzjoni kontinwa mal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST), ġew iffirmati żewġ memoranda ta' ftehim, wieħed mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), u ieħor mad-Dipartiment tal-Arti, Komunitajiet Miftuħa u Edukazzjoni għall-Adulti tal-Università ta' Malta. Bħala parti mill-kollaborazzjoni tagħna mal-MCST, il-Kunsill Malti għall-Arti ppreseda l-panel tal-ewwel premju STEAM, parti mill-premjijiet nazzjonali STEM li ttellgħu f'Ġunju tal-2021. Il-kollaborazzjoni tagħna mal-Università ta' Malta mmaterjalizzat f'reviżjoni tal-edukazzjoni tal-arti fi ħdan l-edukazzjoni formali permezz ta' proġett ta' riċerka fuq approċċi pedagoġiċi, li se jibda fl-2022. Barra minn hekk, diversi studenti segwew kollokament ma' dipartimenti varji tal-Kunsill Malti għall-Arti. Dawn l-istudenti kienu minn skejjel sekondarji u għamlu dan permezz ta' skema mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, jew kienu studenti tal-Università ta' Malta u l-MCAST.

Konverżazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi huma kontinwi, b'laqgħat regolari li jlaqqgħu entitajiet differenti biex jiddiskutu elementi varji, fosthom il-programm edukattiv. Fl-2021, Teatru Malta nieda it-tieni sejħa għall-Atelier Francis Ebejer, li oriġinarjament kien imniedi fl-2020 u oriġina mill-Premju Francis Ebejer u l-Proġett Francis Ebejer. L-Atelier jipprovdi lil ħafna parteċipanti magħżula spazju sikur biex jiddiskuti, jiddibattu u jipproduċu t-teatru.

Fl-2021, diversi inizjattivi ta' taħriġ kienu kontinwi. Dawn kienu relatati mal-iżvilupp tan-negozju, l-ippjanar finanzjarju, il-marketing u r-riċerka dwar l-udjenzi, u temi oħra ta' interess għas-settur kreattiv. Dawn inkludew l-ACMlabs u l-ACMHangouts. Il-Kunsill Malti għall-Arti mexxa wkoll CREATE 2020 – Ninvestu fil-ħiliet ta' kapaċità kulturali u kreattivi fis-settur pubbliku ta' Malta, proġett li beda fl-2019 u se jkun konkluż fl-2022. Il-proġett ipprovda programmi ta' taħriġ speċjalizzati għall-impjegati tas-settur pubbliku fil-Kunsill Malti għall-Arti, id-Direttorat Kulturali, l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li jirrappreżenta tmienja u sittin kunsill lokali u sitt kumitati reġjonali. Il-proġett kellu fil-mira tiegħu 260 impjegat pubbliku permezz ta' taħriġ



Ngħidu Kelma ma' Di u Do - Credit Matthew Muscat Drago

SKEMA EDUKAZZJONI TAL-ARTI

# Ngħidu Kelma ma' Di u Do

NIKKI DEMAJO ALBANESE

Dan il-proġett ta' għaxar episodji jippreżenta liż-żewġ karattri spirtużi Didi u Dodo, li jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet differenti li huma familjari mal-ambjent ta' etajiet żgħar. It-telespettaturi żgħar tagħhom jidħlu fid-dinja tagħhom mimlija gost u huma mħeġġa jinteraġixxu mal-karattru u jkomplu mal-kanzunetti tal-widna, flimkien mal-edukaturi tagħhom. Dan il-proġett jikkapitalizza fuq il-fatt li għandu atturi reali, aktar milli animazzjonijiet, u għalhekk it-tfal ta' etajiet bikrija jingħataw espożizzjoni fonetika u l-opportunità għal produzzjoni orali bil-lingwa Maltija. Kull klipp ta' bejn erba' u seba' minuti huwa mfassal apposta biex jgħin dan l-iżvilupp, u għalhekk jipprovdi pont għall-iżvilupp li jmiss ta' ħiliet fil-litteriżmu.

*Meta ġejt avviċinata minn Anna Paris u Abigail Falzon minn Edu-Aide International fuq dan il-proġett, kont kurjuża u eċitata dwar fejn seta' jmur dan il-proġett. Il-kollaborazzjoni mal-fantastika Laura Buhagiar u l-appoġġ mill-Kunsill Malti għall-Arti kienu t-tagħqida perfetta biex nibda "Ngħidu Kelma ma' Di u Do" bl-aqwa mod possibbli, u ppermettitielna nimxu minn fuq il-paġna għal fuq il-palk faċilment. Dan il-proġett kien ta' sfida għalija artistikament u xprunani biex intejjeb il-kitba tal-iskript bil-Malti.*



fl-iżvilupp tal-istrateġija kulturali, tmexxija kulturali, u programmi ta' ħiliet speċjalizzati.

Minkejja l-persistenza tal-pandemija COVID-19, il-KMA kien impenjat li jkompli bl-isforzi tiegħu għall-implimentazzjoni tal-proġett ESF.04.079. Fl-2021 saru dawn l-attivitajiet ta' taħriġ:

- Ingħata taħriġ fi produzzjoni kulturali fuq (i) immaniġġjar tal-palk; (ii) disinn tas-sound; (iii) disinn 'tad-dawl; (iv) props u xeneġġjatura; (v) disinn tas-sett. Fl-2021 ingħataw erba' workshops waqt li l-ħames wieħed fil-props u x-xeneġġjatura se jingħata fl-2022. Dan it-taħriġ se jkompli jtejjeb il-ħiliet tal-parteċipanti fl-applikazzjonijiet prattiċi tal-produzzjonijiet kulturali permezz ta' workshops imfassla apposta għalihom. Bħala riżultat ta' dan, il-parteċipanti se jipprovdu servizz aħjar u aktar effiċjenti lill-entitajiet artistiċi u kulturali li jaħdmu għalihom u lill-pubbliku li jaħdmu miegħu.
- Speċjalizzazzjoni f'komponenti speċifiċi għas-settur, tekniċi jew tal-politika kulturali. Dan il-proġett offra wkoll lill-ħaddiema tas-settur pubbliku, il-possibbiltà li jkomplu bl-iżvilupp professjonali tagħhom lokalment jew barra minn Malta permezz ta' korsijiet qosra/masterclasses/networking u avvenimenti ta' shadowing ta' xogħol. Fl-2021 ingħataw total ta' ħdax-il għotja, li tellgħu t-total kollu tal-proġett għal 108 għotjiet mogħtija lil tlieta u sittin ħaddiem individwali tas-settur pubbliku.

> *Ġew iffirmati żewġ memoranda ta' ftehim, wieħed mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), u ieħor mad-Dipartiment tal-Arti, Komunitajiet Miftuħa u Edukazzjoni għall-Adulti tal-Università ta' Malta*


Let it Out!

KOMUNITAJIET KREATTIVI

## Let it Out!

PATSY CHETCUTI

'Let it Out!' jippromwovi forma ta' terapija, li tintegra l-fiżiku, l-emozzjonali, il-konjittiv, u l-aspetti soċjali fit-trattament. L-għan ewlieni tiegħu hu li jipprovdi ħiliet ta' mindfulness, billi tingħata attenzjoni lill-esperjenza tas-sensazzjonijiet tal-ġisem, tal-movimenti, u l-istati, waqt li jrawwem l-abbiltà biex jivverbalizza dawn kollha flimkien mal-emozzjonijiet u l-immaġni relatati mas-sensazzjonijiet tal-ġisem. Permezz ta' dawn is-sessjonijiet, it-tim għandu l-għan li jippromwovi pariri ta' awtogħajnuna, u għodod konjittivi bbażati fuq l-immaġiba fuq kif tiġġestixxi u tkampa bl-ansjetà fil-ħajja ta' kuljum.

Is-sessjonijiet jinvolvu żewġ komponenti – moviment somatiku u tekniki ta' mindfulness. Il-komponent tal-moviment somatiku jinvolvi moviment gwidat bil-għan li jippromwovi awtokuxjenza kif ukoll espressjoni ħielsa mill-ġudizzju u awtoespressjoni kreattiva. Il-komponent tal-mindfulness tas-sessjonijiet jinvolvi introduzzjoni għall-mindfulness, u jinkludi: kif timmedita; in-nonġudizzju; l-awtokompassjoni; il-komunikazzjoni mindful; u l-awtokuxjenza.

*Sibt dan il-workshop inkoraġġanti ħafna għall-vjaġġ tiegħi minkejja li hu kors introduttorju. Fetaħni għal aktar awtokura, biex niftakar nistħarreġ in-natura tagħna aktar fil-fond, u biex nesprimi emozzjonijiet b'mod san u differenti. Sibt li l-prattiki tal-mindfulness fakkruni biex nibda mnejn qiegħda, u biex inkun aktar ħanina u paċenzjuża miegħi nnifsi. Xi ħaġa li veru laqtitni u li qatt qabel ma esperjenzajt 'bil-moviment somatiku hija kif meta tiġi f'kuntatt mal-moviment tal-ġisem hemm ħafna aktar minn dak li hu viżibbli. Inħossni grata li kont kapaċi nċaqlaq it-tajn proverbjali li qagħad fil-qiegħ tal-baħar u li kont naħsbu ramel, u għall-kompassjoni tal-mindfulness li għenni biex ninkoraġġixxi lili nnifsi f'dan il-proċess. Għal dan kollu, nixtieq nikkumplimenta lill-instructors, Danjela u Patsy. Għamlu biċċa xogħol eċċellenti meta żguraw li l-parteċipanti kollha kienu sikuri u komdi, u pprovdew daqstant għarfien.*

***Nicole De Leonardo***



# Skambju Kulturali Komunitarju

Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa impenjat li jappoġġa u jippromwovi d-diversità tal-espressjoni artistika u kulturali skont id-definizzjoni tad-drittijiet kulturali tal-UNESCO, u huwa ggwidat mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll il-Politika tal-Kultura Nazzjonali 2021, il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura tal-UE 2019-2022, u l-Porto Santo Charter fuq il-Kultura u l-Promozzjoni tad-Demokrazija. Dan l-impenn fundamentali ggwida x-xogħol tal-KMA matul l-2021.

Ir-realtajiet u l-inugwaljanzi li l-pandemija tellgħet fil-wiċċ, u l-opportunitajiet u n-narrattivi ta' tama li ħarġu minnhom, instigaw aktar lill-KMA biex jistabbilixxi diversi pjattaformi li jinvolvu lill-komunità u li jiżviluppaw l-għarfien, u jdaħħal profondament l-inklussività u d-diversità fl-Istrateġija 2025 u jinkludi fost oħrajn l-ACMChats u l-ACMHangouts. Pjattaforma addizzjonali importanti oħra matul l-2021 kienet is-serje ta' konverżazzjonijiet tematiċi tal-Istrateġija 2025. Din is-serje ppermettiet reviżjoni multidimensjonali tal-istrateġija Create2020 ma' partijiet ikkonċernati multipli, kif ukoll ippjanar parteċipatorju, rievalwazzjoni, u tibdil fil-mod kif jinħasbu l-għanijiet tal-Istrateġija 2025, konkretament, realistikament u b'suċċess. Din is-serje ttellgħet u tfasslet wara workshops multipli mar-riżorsi umani interni tal-KMA, u ma' organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi varji. Wara, dawn il-konverżazzjonijiet komplew ifasslu r-rakkomandazzjonijiet imressqa lill-KMA u li jinformaw direttament lill-Istrateġija 2025.

Sadanittant, il-KMA kompla jappoġġa l-inklussività u d-diversità permezz ta' networking kostanti, kollaborazzjoni intersettorjali, tisħiħ ta' għarfien, żvilupp ta' politika bbażata fuq ir-riċerka, u l-implimentazzjoni tal-programmi tiegħu, partikolarment permezz tal-Komunitajiet Kreattivi u Il-Premju tal-President għall-Kreattività.

Dawn il-proġetti appoġġati mill-Komunitajiet Kreattivi 2021 iffokaw fuq il-wirt kulturali u s-saħħa mentali, waqt li Il-Premju tal-President tal-Kreattività ppermetta l-ingaġġ ta' uffiċjal mal-Fondazzjoni Gabriel Caruana sabiex jgħin iwassal il-kultura eqreb lejn komunitajiet differenti, jiżviluppa involviment mal-komunitajiet, jifhem il-bżonnijiet rispettivi, u jiżviluppa esperjenzi kulturali pertinenti.

Lil hinn mill-appoġġ finanzjarju, il-KMA kompla jappoġġa lill-artisti, komunitajiet, u partijiet ikkonċernati oħra billi jipprovdi konsultazzjoni, jiffaċilita n-networking, u jaqsam prattiki tajba u riżorsi.

Il-KMA kompla jsostni l-kollaborazzjoni tiegħu ma' networks varji biex jipprovdi aġġornamenti regolari li jirrelataw ma' strateġiji varji — inkluż l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-Qasam tal-Kultura u l-Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għall-Inklużjoni Soċjali.

Barra minn hekk, l-2021 rat il-konsolidazzjoni tal-pakkett ta' riżorsi – Dritt għall-Kultura – immirat biex joħloq kuxjenza relatata mad-diversità, l-ekwità, u l-inklussività.

Dan il-pakkett ta' riżorsi kien indirizzat primarjament għall-organizzazzjoni kulturali pubbliċi, benefiċjarji ffinanzjati, is-soċjetà ċivili, u operaturi indipendenti, u jinkludi:

- Ktejjeb faċli għall-qarrej (b'eżempji ta' prattika tajba);
- Kitt komplimentari li jikkonsisti f'għodda bżonnjuża, mudelli, listi u referenzi mfassla biex jassistu lill-utent fil-ħajja ta' kuljum

Matul il-proġett, l-approċċ parteċipatorju ngħata l-prijorità assoluta. Wara konsultazzjoni preliminari mal-Pjattaforma tal-Organizzazzjonijiet għad-Drittijiet Umani ta' Malta (PHROM), li l-gwida tagħhom kienet strumentali fl-identifikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ewlenin ta' diversità, il-proċess ta' riċerka segwa tliet passi ewlenin:



Whereabout are you from? - Credit Gabriel Caruana Foundation

IL-PREMJU TAL-PRESIDENT GĦALL-KREATTIVITÀ

# Whereabout are you from?

## GABRIEL CARUANA FOUNDATION

Il-Fondazzjoni Gabriel Caruana Foundation hija organizzazzjoni volontarja impenjata li twassal l-arti kontemporanja, is-snajja' u l-kultura għand komunitajiet differenti — hija ispirata mil-legat tal-artist pijunier Gabriel Caruana li ra fin-nies il-ħajja u r-ruħ tal-arti, tal-kultura u tal-kreattività. Il-premju ppermetta lill-fondazzjoni tingaġġa Uffiċjal għall-Involviment tal-Komunità biex tiżviluppa aktar fil-fond l-involviment mal-komunitajiet, tifhem il-bżonnijiet rispettivi, u tiżviluppa l-inizjattivi relevanti.

*Il-vjaġġ tiegħi bħala Uffiċjal għall-Involviment tal-Komunità beda f'dawn l-aħħar sitt xhur. Flimkien mat-tim, bdejt naħdem fuq Strateġija ta' Involvivment tal-Komunità, permezz ta' metodi varji ta' riċerka u esplorazzjoni.*

*Dan il-proċess ifisser ħafna mhux biss għalija, imma anki għall-fondazzjoni. Mhuwiex biss kliem fuq karta. Dawn l-aħħar sitt xhur għenuni nidħol fil-fond u nevolvi relazzjonijiet eżistenti ma' dawk li b'xi mod huma involuti mal-fondazzjoni, bħat-tim artistiku, il-volontiera, l-artisti, l-istudenti, u l-persuni li jgħixu qribna – il-lista dejjem qed tiżdied.*

*Grazzi għall-appoġġ tal-Fondazzjoni kif ukoll tal-Premju tal-President għall-Kreattività, inħossni aktar minn ħerqana biex inkompli nimxi pass pass lejn dan l-għan. F'atmosfera pożittiva li tirrispetta l-bżonnijiet diversi tal-komunità, inbassar b'ħafna entużjażmu li din l-opportunità ma għandhiex għan definit, imma ftuħ għal ħafna possibbiltajiet – kemm personali, imma aktar minn hekk għall-Fondazzjoni Gabriel Caruana u l-familja dejjem tikber tagħha.*

***Martina Camilleri***

- Tmien gruppi fokali mal-membri tal-komunità minn gruppi diversi tas-soċjetà;
- Sitt intervisti ma' membri fil-qalba tal-grupp;
- Grupp ta' ħidma transsettorjali li jaqsam l-għarfien

L-għarfien li nbena matul il-proċess se jippermetti lill-KMA jiddisinja aħjar inizjattivi fis-snin li ġejjin fix-xogħol tiegħu mal-organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, il-komunitajiet, u l-partijiet ikkonċernati kollha, waqt li jagħti importanza lid-dritt għall-kultura fost komunitajiet diversi.

Fl-istess ħin, baqgħu jiġu esplorati aktar opportunitajiet għal kollaborazzjoni intersettorjali, żvilupp ta' għarfien u networking, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat forum dinamiku għat-tixrid tal-għarfien u l-prattika tajba relatata mal-inklussività, id-diversità, u l-kultura. Dan għandu jippermetti lis-setturi rispettivi jinvolvu ruħhom f'sinerġiji kreattivi u li jilħqu għanijiet li jkunu impossibbli għas-setturi meta jaħdmu waħedhom.

Il-prinċipju tad-dritt għall-kultura, kif deskritt fil-proġett Drittijiet Kulturali, sar effettivament pedament għall-Istrateġija 2025 u se jkompli jifforma

> *Il-KMA kompla jappoġġa l-inklussività u d-diversità permezz ta' networking kostanti, kollaborazzjoni intersettorjali, tisħiħ ta' għarfien, żvilupp ta' politika bbażata fuq ir-riċerka, u l-implimentazzjoni tal-programmi tiegħu*

l-qalba tal-approċċ tal-KMA għall-involviment soċjali. It-tisħiħ fuq il-qafas konċettwali żviluppat matul l-aħħar sena, huwa xprunat minn impenn lejn drittijiet kulturali bħala forza għall-ġustizzja soċjali u żvilupp sostenibbli u riġenerazzjoni — soċjali, ekonomika, u ambjentali.

Din l-istrateġija tindirizza speċifikament il-bżonn li nkunu konxji mill-inugwaljanzi strutturali bbażati fuq il-ġeneru, l-etniċità, u d-diżabbiltà, f'konformità mal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022, u r-relevanza trażversali għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) kollha, partikolarment dawk relatati mal-edukazzjoni inklussiva u ekwitabbli (SDG 4), l-ugwaljanza tal-ġeneru (SDG 5), tkabbir ekonomiku inklussiv u sostenibbli, xogħol u impjieg diċenti (SDG 8), inqas inugwaljanzi (SDG 10), bliet u komunitajiet sostenibbli (SDG 11), azzjoni għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-impatti tagħha (SDG 13), u paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom (SDG 16).

# L-Iżvilupp tan-Negozju

Wara l-miżuri li ttieħdu fl-2020 biex is-setturi kulturali u kreattivi jirkupraw mill-impatt tal-pandemija, il-KMA kompla jinvolvi ruħu f'diskussjonijiet kontinwi mal-Malta Enterprise u operaturi kulturali pubbliċi u indipendenti.

L-2021 rat it-twettiq ta' memorandum ta' ftehim mal-Malta Enterprise li jpoġġi l-pedamenti għall-ftehimiet futuri li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-oqsfa strateġiċi tal-Kunsill Malti għall-Arti u tal-Malta Enterprise. Dan il-ftehim se jipprovdi ambjent li jippermetti promozzjoni tal-ekonomija kreattiva, billi jinkoraġġixxi aktar kreattività, innovazzjoni, u intraprenditorija. Dan se jkompli joffri karrieri f'fergħat differenti fi ħdan is-settur. Permezz ta' dan il-memorandum, iż-żewġ entitajiet se joħolqu opportunitajiet biex jitmexxew kollaborazzjonijiet, jiġi promoss it-tixrid tal-għarfien u jinqasmu l-aħjar prattiki għal għan ta' riċerka fi ħdan is-settur billi jistabbilixi konnessjonijiet bejn setturi differenti li jinkludu intrapriżi, artisti, u kreattivi. Din il-kollaborazzjoni bejn in-negozju u l-arti twassal għal valur miżjud għall-partijiet kollha involuti u tkompli timla l-lakuni fl-oqsma ta' aċċess għal finanzi, ħiliet u inċentivi.

Matul l-2021 kien hemm ukoll reviżjonijiet tal-Covid Wage Supplement li kienu mmexxija u maħruġa mill-Malta Enterprise. Riżultat ta' dan, il-prattikanti ta' dan is-settur setgħu jkomplu jibbenifikaw minn din il-miżura. F'din is-sena, l-inċentiva ġiet emendata b'mod li tkun ibbażata fuq it-telf sofrut matul il-pandemija minflok fuq il-kodiċi rispettivi tan-NACE, kif kien il-każ fl-2020. Għalhekk, l-operaturi kulturali li ħadu l-akbar daqqa ta' ħarta ġew assigurati assistenza kontinwa, salvagwardja ta' impjiegi, u piż eħfef finanzjarju fuq spejjeż ta' operat. Barra minn hekk, l-iskema appoġġat irkupru ekonomiku aktar sostenibbli għas-setturi kulturali u kreattivi lil hinn mill-pandemija.

Il-Kunsill Malti għall-Arti kompla jistinka fil-ħidma tiegħu għall-aqwa benefiċċji għall-artisti u kreattivi lokali. Il-KMA ikkollabora wkoll mal-Malta Enterprise permezza ta' ACMLab li jġib l-isem "Creating Business Ideas Together" li kien iffokat biss fuq it-twaqqif ta' negozju f'Malta matul il-pandemija permezz ta' shadowing espert u miżuri ta' appoġġ offruti mill-Malta Enterprise. Dan sar għaliex irridu nkomplu ntejbu l-istatus legali tal-professjonali. Matul is-sessjoni tal-ACMLab, saret referenza għall-inċentivi varji offruti mill-Malta Enterprise li l-kreattivi u l-prattikanti kulturali jistgħu jibbenefikaw minnhom. Dawn l-inċentivi jinkludu l-Business Start (B.Start), il-Business Development, il-Micro Invest Scheme, u l-iSkills Development Scheme.

L-2021 ġabet magħha fokus speċjali fuq iż-żieda ta' reżiljenza tas-setturi kulturali u kreattivi permezz ta' appoġġ ta' opportunitajiet għal żvilupp ta' negozju u intraprenditorija kreattiva. Fil-bidu tal-istess sena, il-Kunsill nieda l-iskema ta' appoġġ għall-programmi, b'€1.3 miljun immirat għall-bidu mill-ġdid tas-settur tal-arti lokali billi għen organizzazzjonijiet, kollettivi, jew kollaborazzjonijiet għal rashom biex fejn possibbli jibdew mill-ġdid l-attività ta' programmar u produzzjoni waqt li dawn joperaw f'manjiera sostenibbli, anki jekk iċ-ċirkustanzi jeħtieġu l-posponiment tal-ftuħ mill-ġdid ta' ċertu attivitajiet għall-pubbliku. L-iskema ta' appoġġ għall-programmi serviet ukoll bħala finanzjament ta' avvjament fil-kuntest tal-pandemija.

Kien hemm ukoll l-introduzzjoni tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Avvenimenti, li kienet amministrata mill-KMA, u appoġġata mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u dak li kien qabel il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Din l-iskema kienet żviluppata f'rispons għar-ristrezzjonijiet immedjati tal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika fuq avvenimenti tal-massa u kellha l-għan li tirrendi l-avvenimenti organizzati kulturali u artistiċi aktar vijabbli bejn Settembru u Diċembru tal-2021. L-iskema inkludiet assistenza permezz tal-appoġġ finanzjarju simetriku tal-biljetti u assistenza loġistika. Din l-iskema kienet fuq sejħa kontinwa abbażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. B'kollox, kien hemm disgħa u erbgħin benefiċjarju li bbenefikaw minn din l-iskema, b'ammont totali ta' €1,275,000 imqassam.

Matul l-2021, il-Kunsill Malti għall-Arti kompla jaħdem biex irawwem konnessjonijiet bejn l-industriji kreattivi u s-settur tan-negozju sabiex ikabbar l-iżvilupp ta' kollaborazzjoni li tagħti l-frott bejn iż-żewġ setturi għal appoġġ kontinwu ta' inizjattivi fis-setturi kulturali u kreattivi. Saru diskussjonijiet fis-Central Business District sabiex tisbieħ iż-żona permezz ta' arti viżiva, kollaborazzjoni li għandha tagħti l-frott fl-2022. Il-KMA iffinalizza wkoll Programm ta' Edukazzjoni u Intraprenditorija Kreattivi ma' In Place of War, organizzazzjoni globali li tuża l-kreattività f'postijiet ta' kunflitt bħala għodda għal bidla pożittiva. Dan il-programm se jitnieda fl-2022 u se jiffoka fuq l-iżvilupp ta' ħiliet, kompetenzi u għarfien fl-intraprenditorija, in-negozju, u t-teknoloġija fis-setturi kulturali u kreattivi.

Kollaborazzjoni oħra li tat il-frott fl-2021 f'dan ir-rigward kienet il-programm ta' taħriġ u mentoraġġ immirat li jsaħħaħ il-ħiliet intraprenditorjali tal-aristi u l-kreattivi lokali. Din il-kollaborazzjoni mal- Foundation for the Promotion of Entrepreneurial Activities kienet possibbli grazzi għall-Investiment fl-Organizzazzjonijiet Kulturali fi ħdan il-Kunsill. Din se tkompli wkoll fl-2022.

L-iskema ta' 150% Tnaqqis tat-Taxxa fuq Donazzjonijiet lill-Kultura kompliet fl-2021 għas-sitt sena konsekuttiva. Fl-2021, ingħataw erbgħa u tletin donazzjoni lil organizzazzjonijiet kulturali varji, li ammontaw bħal benefiċċju ta' taxxa kollettiva ta' €49,434.53, li rriżulta f'donazzjoni totali ta' €282,483 lil organizzazzjonijiet kulturali.

> *L-2021 ġabet magħha fokus speċjali fuq iż-żieda ta' reżiljenza tas-setturi kulturali u kreattivi permezz ta' appoġġ ta' opportunitajiet għal żvilupp ta' negozju u intraprenditorija kreattiva*

# Internazzjonalizzazzjoni

Il-programm ta' internazzjonalizzazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti kompla matul l-2021, minkejja l-isfidi kontinwi li ġabet magħha l-pandemija COVID-19, permezz ta' inizjattivi varji li kellhom l-għan li jressqu prattikanti lokali ma' msieħba u networks internazzjonali.

Fl-2021, tnediet l-Iskema ta' Skambji Kulturali Internazzjonali (ICE), li ħadet post il-Cultural Export Fund (CEF), waqt li ġew indirizzati l-bżonnijiet tas-settur li qed joħorġu. Waqt li l-firxa tal-COVID-19 għamlet l-ivvjaġġar aktar diffiċli, tat ukoll spinta enormi lill-iskambji kulturali diġitali. Din l-iskema indirizzat dan billi inkoraġġiet lill-artisti jagħmlu skambju tax-xogħlijiet artistiċi tagħhom mhux biss fiżikament, iżda wkoll permezz ta' kanali diġitali. Permezz ta' din l-iskema, il-finanzjamenti relatati mal-marketing internazzjonali kif ukoll il-produzzjoni ta' awdjoviżivi, siti web, u demos ta' produzzjonijiet kulturali lesti saru wkoll eliġibbli.

Il-fondi totali disponibbli għal din l-iskema kienu ta' €100,000. Total ta' erbatax-il benefiċjarju bbenefika minn dawn il-fondi matul l-2021, bil-fondi allokati lil applikanti li rnexxew ma qabżux l-€10,000 għal kull proġett.

Fl-2021, il-KMA iffinanzja residenzi barra minn Malta permezz tal-Iskema ta' Skambji Kulturali Internazzjonali. Fis-sena msemmija ġew iffinanzjati dawn ir-residenzi artistiċi: il-parteċipazzjoni tal-artista Laura Besançon fir-residenza ZK/U Berlin - Center of Art and Urbanistics, u l-parteċipazzjoni tal-artista Wioletta Kulewska's fl-iSkopelos Foundation, programm ta' residenza artistika fil-Greċja.

Matul l-2021, il-KMA kompla bl-appoġġ u l-kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fuq diplomazija kulturali u relazzjonijiet kulturali esterni.

Eżempju wieħed ta' dan kien il-kollaborazzjoni tal-avveniment kulturali organizzat mill-Ambaxxata ta' Malta fi Spanja, li fakkar is-sebgħa u ħamsin sena ta' indipendenza ta' Malta, bit-tnedija ta' esebizzjoni artistika fil-miftuħ fil-Ġnien Botanku Rjali ta' Madrid. L-esebizzjoni, bl-isem "Malta: Un Punto de Encuentro (Malta: Punt ta' Tlaqqigħ)", esplorat l-irwol ta' Malta bħala post li storikament serva bħala punt ta' tlaqqigħ għal diversi potenzi dinjija, bi Spanja nnifisha inkluża.

F'Marzu tal-2021, f'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta fl-Etjopja, il-KMA organizza u ppreżenta sessjoni ta' ACMLab li ffokat fuq l-Afrika. Din is-sessjoni kkontestat b'mod attiv nozzjonijiet konvenzjonali ta' estetika u identità singulari Afrikani, u inkoraġġiet lil artisti Maltin biex jesploraw aktar il-kontinent Afrikan permezz ta' proġetti artistiċi kollaborattivi.

Saru preżentazzjonijiet minn artisti Maltin u Afrikani, li wħud minnhom kienu ffinanzjati fis-snin ngħoddija mill-KMA biex jipparteċipaw fi proġetti li saru fl-Afrika jew f'kollaborazzjoni ma' artisti Afrikani.

Matul l-2021, il-KMA żamm l-impenn tiegħu biex jipparteċipa b'mod attiv fin-networks imsieħba internazzjonali.

Il-KMA ipparteċipa fil-laqgħat tal-EUNIC Focal Points kif ukoll fil-laqgħa ġenerali annwali li saret online u fi Brussell, u f'diversi workshops u webinars ta' kondiviżjoni ta' għarfien. Il-KMA beda jikkoordina wkoll il-laqgħat tal-EUNIC Focal Points li se jsiru f'Malta fl-2022.

Il-KMA huwa wkoll imsieħeb fi proġett tal-UE ffinanzjat mill-Creative Europe Support to Networks, bl-isem "EUNIC – Crossroads for Culture – Building a European Cultural Relations Sector", immexxi mis-sieħeb ewlieni EUNIC Global. Dan il-proġett ingħata għotja annwali ta' €250,000 u qed jiġi implimentat fuq erba' snin (Diċembru 2017 – Novembru 2021).

F'Lulju tal-2021, il-KMA nieda uffiċjalment il-EUNIC Malta Cluster, flimkien ma' ambaxxati tal-UE u istituti kulturali bbażati f'Malta. Fi New York, il-KMA kompla wkoll il-koordinazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' Malta fil-proġett virtwali li jġib l-isem UN/MUTE (2020-2022, proġett virtwali kollaborattiv koorganizzat minn EUNIC NY, il-Grupp ta' New York tal-Istituti Nazzjonali tal-Kultura tal-Unjoni Ewropea.

UN/MUTE kien ir-riżultat ta' żewġ residenzi online mnedija fl-2020 biex jipprovdu opportunità għal skambju kritiku u kollaborazzjoni matul il-pandemija globali COVID-19 lil artisti Ewropej u artisti bbażati fi New York. Ir-residenzi, imsemmija 10001 u 10002, akkoppjaw artisti li qatt ma kienu ltaqgħu qabel u sfidaw lit-timijiet biex jegħlbu l-limitazzjonijiet tal-lockdowns waqt li ngħaqdu minn naħa għal oħra ta' mezzi artistiċi, lingwa, kultura, ġenerazzjonijiet, u żoni ta' ħin sabiex isibu forom ta' espressjoni u tifsiriet ġodda fl-arti.

Żewġ artisti Maltin, il-kompożitriċi Mariella Cassar-Cordina u d-direttur tal-films Alex Camilleri, ġew akkoppjati ma' artisti minn pajjiżi differenti mill-UE li jirrappreżentaw istituti kulturali oħra, waqt li Aaron Bezzina ġie akkoppjat ma' artist ibbażat fi New York. Ix-xogħlijiet artistiċi tagħhom kienu kollha esebiti f'esebizzjoni live fil-Forum Kulturali Awstrijak fi New York minn Settembru tal-2021 sa Jannar tal-2022.

Permezz tal-EUNIC Warsaw Cluster, Malta pparteċipat fl-avveniment "Poems in the City" li fih poeżija li toriġina minn diversi pajjiżi Ewropej tingħata espożizzjoni internazzjonali fit-toroq ta' Varsavja. Fl-edizzjoni tal-2021, il-poeta Nadia Mifsud irrappreżentat lil Malta permezz tal-poeżija tagħha "qtar".

Il-KMA ipparteċipa wkoll fil-festival tal-poeżija TRANSPOESIE organizzat minn EUNIC Brussels. Kull sena, il-festival jiċċelebra l-multilingwiżmu billi jlaqqa' poeżiji f'kemm jista' jkun lingwi fi Brussell. F'Settembru u Ottubru jfakkar il-Jum Ewropew tal-Lingwi u d-Diversità Lingwistika tas-26 ta' Settembru billi jorganizza serje ta' avvenimenti. Fl-2021 ipparteċipat Miriam Calleja permezz tal-poeżija "Xi ħadd pinġa fjura".

Matul is-sena, il-KMA ipparteċipa b'mod attiv f'diversi laqgħat online mal-IETM, in-Network Internazzjonali għal Arti Performattivi Kontemporanji. Il-KMA stieden ukoll lil Teatru Malta bħala membru mistieden tiegħu għall-IETM tal-2021 u l-2022.

*Il-programm ta' internazzjonalizzazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti kompla matul l-2021, minkejja l-isfidi kontinwi li ġabet magħha l-pandemija COVID-19*

F'April u Ottubru tal-2021, il-KMA ipparteċipa b'mod attiv fil-laqgħat online tal-IFACCA (l-International Federation of Arts Councils and Culture Agencies). L-IFACCA tipprovdi programmi u servizzi li jirrispondu għall-bżonnijiet tal-membri, b'fokus fuq relazzjonijiet internazzjonali, skambju, għarfien u evidenza. Fl-2021, il-laqgħat iffokaw fuq ir-rapport speċjali mir-relatur estern tal-Ġnus Magħquda fil-qasam tad-drittijiet kulturali, Karima Bennoune, li fis-sitta u erbgħin sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet Umani ppreżentat ir-rapport "COVID-19, Cultures and Cultural Rights" li fih issorveljat l-effett tal-pandemija fuq il-kultura u d-drittijiet kulturali.

Permezz tal-kummissjoni, it-tmexxija, u l-koordinazzjoni tal-Kunsill Malta għall-Arti, il-Paviljun ta' Malta fil-Biennale di Venezia se jiftaħ għal darba oħra għall-pubbliku fl-2022.

Il-Paviljun ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja se jkun ikkurat minn tim speċifiku magħżul wara sejħa internazzjonali fl-2021. Bord evalwattiv assessa proposti u għażel umanimament il-proġett Diplomazija Astuta biex jirrappreżenta lil Malta f'Venezja.



Essen SPIEL 2021

SKEMA TA' SKAMBJI KULTURALI INTERNAZZJONALI

# Essen SPIEL 2021

## MIGHTY BOARDS

Essen SPIEL hija l-ikbar konvenzjoni Ewropea tal-board games li fiha disinjaturi, pubblikaturi, artisti, u distributuri jiltaqgħu biex jesebixxu xogħolhom. Għalina bħala Mighty Boards, din il-kovenzjoni hija partikularment ta' benefiċċju biex nibnu relazzjonijiet ġodda u nesploraw kollaborazzjonijiet ġodda ma' msieħba ġodda u eżistenti. Matul l-erbat ijiem tal-konvenzjoni, għamilna madwar ħamsa u għoxrin tranżazzjoni ta' distribuzzjoni u lokalizzazzjoni li jistgħu jagħtu l-frott, iffurmajna fuq il-post kollaborazzjonijiet ġodda għal-logħba li jmiss, krejna artisti għal-logħob li bħalissa qegħdin fil-fażi ta' żvilupp, u għamilna kuntatti ġodda mal-istampa internazzjonali.

*L-Iskema ta' Skambji Kulturali Internazzjonali għamlet possibbli l-preżenza tagħna f'Essen Spiel u permezz ta' dan tat lil Excavation Earth, Vengeance: Roll & Fight u Hamlet , kif ukoll lil-logħbiet preċeddenti tagħna lista solida ta' kuntatti tal-industrija li mhux biss huma interessati fil-logħbiet innifishom imma jridu wkoll jistabbilixxu lil Mighty Boards fost pubblikaturi u developers ta' logħob internazzjonali magħrufa. Li nistabbilixxu rotta solida biex inpoġġu fuq is-suq il-kreazzjonijiet tal-board games tagħna mhux biss huwa ta' sodisfazzjon imma wkoll jimliena b'kunfidenza biex nagħtuhom il-ħajja internazzjonalment f'industrija popolari li qed tespandi.*

Dan il-proġett se jartikula mill-ġdid l-ankona seminali ta' Caravaggio Il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann il-Battista (1608) u se jkun ikkurat minn Keith Sciberras u Jeffrey Uslip, permezz tal-kollaborazzjoni kreattiva ta' Giuseppe Schembri Bonaci, Arcangelo Sassalino u l-kompożizzjoni tad-direttur u mużiċista Brian Schembri.

Bdew il-preparamenti għall parteċipazzjoni ta' Malta fl-edizzjoni tal-2023 fil-London Design Biennale.

Permezz ta' kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Franza f'Malta u Aġenzija Żgħażagħ, il-KMA iffaċilita l-parteċipazzjoni ta' żewġ żgħażagħ Maltin fl-avveniment Night of Ideas li se jseħħ f'Pariġi fl-2022, bħala parti mill-programm kulturali ta' Franza meta se jkollha f'idha t-titlu ta' Presidenza tal-Kunsill tal-UE.

# Tnedija tal-EUNIC MALTA Cluster 2021

F'Lulju tal-2021, il-Kunsill Malti għall-Arti ta bidu għall-ewwel EUNIC Malta Cluster. Il-EUNIC huwa network għall-Istituti Nazzjonali għall-Kultura tal-Unjoni Ewropea. Diversi Ambaxxati Ewropej u Istituti Kulturali attivi f'Malta ħadmu flimkien biex iwaqqfu l-Eunic Malta Cluster. Bħalissa, il-EUNIC Malta Cluster jikkonsisti f'dawn il-membri: l-Ambaxxata tal-Awstrija f'Malta (il-kopresident), l-Istitut Kulturali Taljan (il-kopresident); British Council in Malta (il-viċipresident); il-Kunsill Malti għall-Arti (il-viċipresident); l-Ambaxxata ta' Spanja f'Malta; Alliance Française de Malte – Méditerranée; l-Ambaxxata tal-Polonja f' Malta; l-Ambaxxata tal-Ungerija f'Malta; u l-Ambaxxata ta' Franza f'Malta.

L-ewwel avveniment tal-EUNIC Malta Cluster ikkonsista f'festival tal-films, b'kollaborazzjoni ma' Spazju Kreattiv fiċ-Ċentru tal-Kreattività fil-Kavallier ta' San Ġakbu, u ttella' f'Ottubru tal-2021. Il-festival ippreżenta disa' films li t-tema prinċipali tagħhom daret ma' dik ta' sostenibbiltà, minn lenti soċjali, ekonomika jew ambjentali.

Luzzu huwa l-film lokali li kien muri b'mod prominenti f'dan il-festival tal-films. Wara li ntwera, il-pubbliku kellu l-opportunità jinteraġixxi mad-direttur tal-film Alex Camilleri permezz ta' sessjoni diretta ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet, immoderata minn Emma Mattei.

Il-EUNIC Malta Cluster jivviżwalizza li jiffaċilita skambji bejn persuni, kooperazzjoni Ewropea, u l-integrazzjoni bejn ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta u msieħba tal-kultura lokali. Il-missjoni tiegħu hija li jikkontribwixxi lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jirrifletti id-diversità tal-kulturi Ewropej u l-valuri komuni permezz ta' avvenimenti u proġetti Ewropej konġunti.

# Riċerka

Ir-riċerka baqgħet il-pedament tax-xogħol tal-Kunsill Malti għall-Arti matul l-2021, u ħadet irwol important fl-appoġġ għall-isforzi tas-settur kreattiv biex jingħelbu l-isfidi ppreżentati matul dawn l-aħħar sentejn.

Matul l-2021, ir-riċerka tal-KMA iffokat fuq li tifhem aktar profondament il-modi li l-pandemija affettwat lis-settur tal-kultura lokali, partikolarment x'kien ir-rispons tal-pubbliku għar-restrizzjonijiet relatati mas-saħħa, l-għeluq, u l-miżuri ta' distanza. Dan il-fenomenu kien analizzat permezz ta' Studju ta' Riċerka dwar l-Udjenzi, li beda lejn l-aħħar tal-2020 u kompla matul l-2021. L-istudju fittex li jeżamina l-modi li fihom l-imġibiet, l-attitudnijiet, u l-perċezzjonijiet tal-pubbliku ġenerali lejn l-attendenza ta' avvenimenti kulturali nbidlu matul il-progressjoni tal-pandemija. L-istudju fittex ukoll li jipprovdi lil organizzazzjonijiet kulturali b'rakkomandazzjonijiet kif jistgħu jindirizzaw realtajiet ġodda li ħarġu mill-pandemija. L-istudju kkonsista fi tliet surveys, li saru mal-pubbliku ġenerali f'punti varji tal-pandemija (Novembru 2020, Jannar/Frar 2021, u Lulju 2021), b'kull survey jistaqsi l-istess mistoqsijiet biex jittraċċa bidliet fl-imġiba f'kull stadju differenti tal-istudju.

Flimkien ma' dawn is-surveys, l-istudju involva numru ta' gruppi fokali li saru ma' rappreżentattivi ta' organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, bil-għan li nifhmu l-isfidi li ffaċċaw matul il-pandemija, kif ukoll l-istrateġiji li adottaw biex jirrispondu għal dawn l-ostakli. Ir-rapport finali tal-istudju tnieda f'Novembru tal-2021 f'avveniment ta' tnedija li ttella' fil-Kampus tal-Università ta' Malta tal-Belt Valletta, li matulu diversi prattikanti kulturali ddiskutew is-sejbiet tal-istudju fid-dawl tal-esperjenzi tagħhom matul il-pandemija. Is-sejbiet tal-istudju indikaw li l-attendenza tal-pubbliku għal avvenimenti kulturali wara t-tmiem tal-lockdowns relatati mal-pandemija baqgħet baxxa, madankollu, l-intenzjoni tal-pubbliku li jattendi żdiedet maż-żmien, u gradwalment qorbot lejn livelli ta' qabel il-pandemija. L-istudju sab ukoll interess relattivament sinifikanti lejn appoġġ finanzjarju għax-xogħol tal-organizzazzjonijiet kulturali permezz ta' metodi varji, bħal donazzjonijiet, miżati u skemi ta' sħubija.

Ix-xogħol ta' riċerka li sar matul is-sena mill-KMA iffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' studji ta' riċerka ġodda, kif ukoll fuq analiżi profonda ta' korpi ta' data eżistenti.

Fl-2021, fid-dawl ta' studju ġdid ta' riċerka li se jsir matul l-2022 u l-2023, il-KMA iffinalizza diskussjonijiet mas-Sound Diplomacy, konsulent tal-politika tal-mużika internazzjonali u espert globali fl-iżvilupp ta' strateġija fit-tul u awtosuffiċjenti għall-mużika. Dan l-istudju se jinvolvi mmappjar tal-ekonomija Maltija ta' billejl, jassessa l-ekosistema infrastrutturali u regolatorja, u jiżviluppa objettivi strateġiċi li u mbagħad dawn se jitmexxew 'il quddiem mill-KMA. Dan l-istudju se jibda fil-bidu tal-2022, se jieħu sentejn li fihom se jsiru diversi attivitajiet ta' riċerka, minn immappjar sa gruppi fokali. Dan l-istudju jimmarka pass sinifikanti fl-isforzi kontinwi tal-KMA biex jiżviluppa bażi ta' għarfien aktar komprensiv fuq is-settur kreattiv Malti u biex jindirizza l-bżonnijiet strutturali li se jinkoraġġixxu lis-settur biex jikber aktar.

Fost il-korpi ta' data eżistenti li l-KMA analizza matul l-2021 hemm is-Survey tal-Prattikanti Kreattivi u Kulturali. Dan il-korp ta' data, li nġabar lejn it-tmiem tal-2019 ftit qabel il-bidu tal-pandemija, jitfa' dawl fuq il-mudelli tal-prattika kreattiva eżerċitati mill-prattikanti kreattivi u kulturali f'Malta, jenfasizza fost oħrajn kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-dħul tagħhom, u ż-żmien li jqattgħu fil-prattika kreattiva. Fl-2021, ġie deċiż li dan il-korp ta' data se jkun analizzat b'mod aktar profond u dettaljat billi tiġi esplorata d-data fil-dawl ta' serje ta' temi pertinenti li jirriflettu x'ħafna jaħsbu fuq il-prattika kulturali. Din l-analiżi mistennija tiġi ppubblikata fl-2022, bħala parti mill-isforzi kontinwi tal-KMA biex jiżviluppa fehim olistiku tal-individwi u gruppi li joperaw fi ħdan is-settur kreattiv.

Bħal fis-snin mgħoddija, il-KMA kompla jipprovdi opportunitajiet ta' finanzjament għal prattikanti u organizzazzjonijiet interessati li jirriċerkaw fil-prattika artistika. Fid-dawl tal-bżonn aċċelerat li jiġu żviluppati ħiliet u kapaċitajiet diġitali li ġabet magħha l-pandemija lejn it-tmiem tal-2020, il-KMA nieda l-Iskema ta' Riċerka u Żvilupp Diġitali u ħareġ sejħa oħra għal din l-iskema fl-2021. Din l-iskema tfittex li tinċentivizza esperimentazzjoni u riċerka akbar fl-użu tat-teknoloġija diġitali fi ħdan il-prattika artistika u l-involviment tal-udjenza, permezz ta' allokazzjoni massima ta' €20,000 għal proġetti li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Total ta' seba' proġetti kienu ppremjati, b'allokazzjoni totali ta' €135,924.

Finalment, il-KMA żamm ir-relazzjoni kontinwa tiegħu mal-Compendium of Cultural Policies and Trends, b'parteċipazzjoni attiva f'laqgħat u diskussjonijiet varji matul l-2021, b'sottomissjoni ta' aġġornamenti regolari fuq ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 u l-impatt tagħhom fuq is-settur lokali, u bi tkomplija tax-xogħol tiegħu fl-aġġornament tal-profili ta' Malta fi ħdan il-Compendium. Bħal kif ġara fl-2020, dawn il-laqgħat – inkluż il-laqgħa plenarja annwali f'Settembru 2021 – saru online minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija.

> *Ix-xogħol ta' riċerka li sar matul is-sena mill-KMA iffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' studji ta' riċerka ġodda, kif ukoll fuq analiżi profonda ta' korpi ta' data eżistenti*

## Studju tar-Riċerka dwar l-Udjenzi

L-objettiv ġenerali ta' dan l-istudju kien li nifhmu l-attitudnijiet, il-perċezzjonijiet u l-imġibiet tal-udjenzi rigward il-parteċipazzjoni tagħhom fl-arti u l-kultura f'Malta, b'fokus partikolari fuq il-bidliet li ġabet magħha l-pandemija u r-restrizzjonijiet relatati magħha. Ġew adottati taħlita ta' għodod ta' riċerka kemm kwalitattiva u kemm kwantitattiva, bħal riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u diversi gruppi fokali b'rappreżentanti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi. Ir-riċerka kwantitattivà daret ma' tliet mewġiet ta' surveys immirati għall-pubbliku ġenerali li saru permezz ta' intervistar personali assistit minn telefon (CATI). Kull mewġa kkonsistiet f'minimu ta' 500 survey komplut. Biex jinqabdu l-imġibiet fi stadji differenti tal-progress tal-pandemija, is-surveys saru matul Novembru/Diċembru 2020, Jannar/Frar 2021, u Lulju tal-2021.

L-istudju sab li waqt li 73% tar-rispondenti attendew avveniment wieħed jew aktar tal-arti u l-kultura fit-tnax-il xahar li ppreċedew il-COVID-19, ħafna baqgħu xettiċi milli jerġgħu jattendu avvenimenti diretti. Id-data wriet li l-intenzjoni biex il-pubbliku jmur lura għal avvenimenti diretti bdiet tiżdied maż-żmien, u gradwalment qorbot lejn il-livelli ta' qabel il-pandemija. Min-naħa l-oħra, l-attendenza online għal avvenimenti kulturali naqset fil-perjodu studjat, u r-rispondenti indikaw li fil-futur probabbilment se jnaqqsu aktar l-involviment online tagħhom.

B'mod inkoraġġanti, l-istudju wera li l-pubbliku deher li japprezza l-effetti antagonistiċi li l-pandemija ħalliet fuq id-dħul tal-industrija kreattiva, u deher lest li jappoġġa finanzjarjament lis-settur b'modi varji. 44% tar-rispondenti indikaw li huma lesti jħallsu għal avvenimenti li qabel kienu b'xejn, u 37% stqarrew li huma lesti jħallsu sa 10% aktar minn qabel għall-biljetti. 59% oħra indikaw li huma lesti li jappoġġaw organizzazzjonijiet kulturali permezz ta' donazzjoni ta' darba.


Zoom - Credit Ryan Galea

SKEMA TA' RIĊERKA U ŻVILUPP DIĠITALI

## Zoom

TYRONE GRIMA

Zoom kien spettaklu ibridu mtella' fil-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu bejn is-17 u d-19 ta' Settembru 2021. Dan il-proġett kien koprodott minn Tyrone Grima, Joseph Galea, u Keith Chetcuti, u miktub u dirett minn Tyrone Grima.

L-objettiv tiegħu kien li jesplora spazji multipli tal-ispettaklu. L-udjenza setgħet tara l-play online, jew tagħżel bejn żewġ spazji fil-Palazz tal-Inkwiżitur. Permezz tal-użu tat-teknoloġija, it-tliet spazji kienu interkonnessi b'mod li l-udjenza setgħet issegwi l-play minn kwalunkwe spazju, tara l-istess play, imma ovvjament tesperjenzaha b'mod differenti.

*Dan il-proġett kien esperjenza siewja għalija minħabba li bħala prattikant ippermettieli u għenni nesperimenta b'mod differenti kif noħloq teatru li rrisponda għall-bżonnijiet li nħolqu minħabba l-pandemija. L-appoġġ li ngħata lill-proġett xprunani biex noħroġ miż-żona 'komda tiegħi u nesplora aktar l-ispazju komuni ta' bejn it-teknoloġija u l-ispettaklu, spazju li nemmen huwa l-futur. Bħala prattikant, il-fondi pprovdewli l-infrastruttura meħtieġa biex nieħu riskji kkalkulati b'mod kreattiv.*



# Komunikazzjoni

Il-kanali ta' komunikazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti kellhom irwol kruċjali fl-isforzi tal-Kunsill biex matul l-2021 jinvolvi ruħu ma' artisti, partijiet ikkonċernati, u l-pubbliku ġenerali. Bħal kif għamel fis-snin mgħoddija, il-KMA għamel użu estensiv tal-midja soċjali biex jippromwovi l-proġetti, l-iskemi ta' finanzjament u l-attivitajiet tiegħu, kif ukoll biex jinvolvi ruħu fi kwistonijiet u dibattiti fil-qasam pubbliku relatati mal-arti f'Malta.

Inizjattiva ġdida fl-2021 li jixirqilha tissemma hija l-introduzzjoni tas-sistema Fund Alert, li permezz tagħha partijiet interessati jistgħu jinkitbu biex jirċievu notifikazzjonijiet relatati ma' skemi ta' finanzjament, partikolarment dati ta' skadenza li qed joqorbu, kif ukoll il-ftuħ ta' skemi ġodda. Din is-sistema kienet introdotta wara li applikanti potenzjali talbu biex jirċievu komunikazzjoni aktar puntwali u proattiva relatata ma' dati ta' skadenza tal-iskemi ta' finanzjament.

L-isforzi għall-komunikazzjoni tal-KMA matul l-2021 kienu wkoll iffokati fuq l-aġġornament u t-titjib tas-sit tiegħu — assigurazzjoni li l-informazzjoni relatata max-xogħol tal-Kunsill, skemi ta' finanzjament, sejħiet miftuħa, u opportunitajiet oħra tkun ċara, konsistenti u dettaljata, waqt li disponibbli f'kull ħin. Barra minn hekk, is-sit web tal-KMA għaddej minn proċess ta' traduzzjoni li beda fl-2021 u se jikkonkludi bil-kontenut kollu fuqu jkun disponibbli kemm bil-Malti kemm bl-Ingliż.

Il-bulettin tal-KMA baqa' għodda importanti li biha matul l-2021 tkellem mal-pubbliku. Matul is-sena ħarġu ħdax-il edizzjoni b'mod diġitali (ippubblikati f'Jannar, Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Settembru, Ottubru, Novembru, u Diċembru). Dan il-bulettin jintbagħat lil individwi u organizzazzjonijiet abbonati mal-lista ta' indirizzi elettroniċi tal-KMA, u jikkonsisti f'informazzjoni fuq proġetti, skemi, u attivitajiet li l-KMA għaddej bihom. Matul is-sena, kull ħarġa tal-bulettin infetħet minn medja ta' 245 abbonat.

Kanali tal-midja soċjali, li jinkludu Facebook, Instagram, Twitter u Soundcloud baqgħu ċentrali fl-istrateġija ta' komunikazzjoni matul is-sena. Fl-2021, il-paġna ta' Facebook tal-KMA kibret minn 10,721 segwaċi għal 11,442, b'total ta' 80,055 interazzjoni (li inkludew likes, shares u kummenti minn utenti). Fl-istess ħin, il-kont ta' Instagram tal-KMA laħaq firxa ta' 35,178, li kkonsistew fin-numru ta' kontijiet uniċi li raw xi post jew storja għall-inqas darba, waqt li l-paġna ta' Twitter tal-KMA iġġenerat total ta' 30,413 impressjoni matul l-istess sena. Il-kanal ta' Soundcloud tal-KMA ikkonsista f'tnejn u erbgħin silta f'sitt playlists differenti, b'total ta' 320 play matul is-sena.

Il-KMA għamel ukoll użu minn kanali ta' midja oħra, inkluż it-televiżjoni u l-midja stampata. L-aktar prominenti kien il-programm ta' kuljum tat-televiżjoni MaltArti li xandar total ta' tletin rappurtaġġ relatati ma' skemi, attivitajiet u proġetti tal-KMA, li inkludew proġetti appoġġati minn skemi ta' finanzjament tal-KMA. Matul is-sena l-opportunitajiet ta' fondi tal-KMA u kanali ta' skambju dehru wkoll fuq diversi ħarġiet ta' Artpaper. Il-KMA laħaq ukoll qbil mat-Times of Malta sabiex kull edizzjoni ta' ACMHangouts, minbarra li tixxandar fuq il-paġna ta' Facebook tal-KMA, tiġi wkoll strimjata fuq il-portal tagħhom.

Matul l-2021, il-KMA kompla t-tranżizzjoni tiegħu lejn approċċ diġitali l-ewwel, fejn kien possibbli ta prominenza akbar lill-pubblikazzjonijiet diġitali u mminimizza l-bżonn għal pubblikazzjonijiet stampati. Il-kalendarju ta' finanzjament tas-sena kien ippubblikat fuq is-sit web tal-KMA fil-bidu tas-sena, u ppermetta lill-utenti jippjanaw l-applikazzjonijiet potenzjali tagħhom ħafna qabel id-data ta' skadenza ta' kull fond. Pubblikazzjonijiet oħra, bħall-Istudju ta' Riċerka dwar l-Udjenzi u l-Abbozz tal-Istrateġija 2025 għal Konsultazzjoni Pubblika ġew ukoll ippubblikati f'format diġitali fuq is-sit web tal-KMA. Il-verżjoni finali ta' Strateġija 2025 se tkun ippubblikata fil-forma stampata matul l-2022.

# Strateġija 2025

Matul l-2021, il-KMA kompla bil-proċess ta' konsultazzjoni u evalwazzjoni għall-iżvilupp ta' Strateġija 2025. Dan tfassal biex jevalwa l-punti b'saħħithom u dawk ta' sfida ta' Strateġija 2020 waqt li jikseb għarfien fuq id-diversi bżonnijiet, tħassib u aspirazzjonijiet ta' dawk li huma involuti direttament jew indirettament, jew għandhom interess fis-setturi kreattivi u kulturali ta' Malta. Matul il-konverżazzjonijiet varji inizjali mal-imsieħba u l-partijiet ikkonċernati interni tal-KMA, inqabel li l-istrateġija li jmiss għandha tkun aktar adattabbli, prammattika, u ambizzjuża biex tirrifletti u tiġġestixxi effettivament iż-żminijiet turbulenti li qed jiġu esperjenzati globalment.

*Bl-inkorporazzjoni ta' metodu ta' riċerka kwalitattiva miftuħa, parteċipatorja u rapida, il-KMA tkellem ma' aktar minn 200 persuna minn sfondi soċjodemografiċi varji u lokalitajiet u rwoli differenti fi ħdan l-ekoloġija kreattiva ta' Malta*

Bl-inkorporazzjoni ta' metodu ta' riċerka kwalitattiva miftuħa, parteċipatorja u rapida, il-KMA tkellem ma' aktar minn 200 persuna minn sfondi soċjodemografiċi varji u lokalitajiet u rwoli differenti fi ħdan l-ekoloġija kreattiva ta' Malta. Il-proċess ta' riċerka li dam disa' xhur beda minn diskussjonijiet tematiċi ma' partijiet ikkonċernati interni, li inkludew ħaddiema tal-KMA u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi. Dan wassal għal għaxar taħditiet oħra mal-pubbliku ġenerali, li primarjament inkludew rappreżentanti ta' prattiki diversi mis-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta. Saru diskussjonijiet online minħabba l-pandemija; madankollu, biex jiġi mmassimizzat l-involviment, il-pubbliku kien inkoraġġit biex jissottometti kummenti u suġġerimenti qabel u waqt is-sessjonijiet. Ma' dan, fil-fażi finali saru wkoll ħames intervisti individwali ma' esperti ewlenin li ħadmu mal-KMA f'dawn l-aħħar sitt snin.

